Nru./No. 20,310
Prezz/Price
€4.32

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2019
Friday, 6th December, 2019

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 25,457 - 25,460
Government Notices ..... *25,457 - 25,460*

Avviżi tal-Pulizija ..... 25,460 - 25,462
Police Notices ..... *25,460 - 25,462*

Avviżi lill-Baħħara ..... 25,463 - 25,464
Notices to Mariners ..... *25,463 - 25,464*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 25,465 - 25,524
Employment Opportunities ..... *25,465 - 25,524*

Avviżi tal-Gvern ..... 25,524 - 25,528
Notices ..... *25,524 - 25,528*

Offerti ..... 25,528 - 25,539
Tenders ..... *25,528 - 25,539*

Avviżi tal-Qorti ..... 25,539 - 25,548
Court Notices ..... *25,539 - 25,548*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1565

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru, nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2019, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons), MA(European Studies), PhD (Bristol), MP.

Is-6 ta' Diċembru, 2019
(OPM/40/2017)

Nru. 1566

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenet Kurunell Joseph Pisani mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Individwali, meta rtira, b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 2020.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Nru. 1567

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenent Kurunell Robert Bonnici mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Individwali, meta rtira, b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 2020.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Nru. 1568

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Logutenet Alan Harvey mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Individwali, meta rtira, b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 2020.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

GOVERNMENT NOTICES

No. 1565

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS(Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of Prime Minister, on Friday, 6th December, 2019, during the absence from Malta of the Hon. Joseph Muscat, KUOM, BCom., BA (Hons), MA (European Studies), PhD (Bristol), MP.

6th December, 2019

No. 1566

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Colonel Joseph Pisani from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Individual Reserve Force, on retirement, with effect from 7th January, 2020.

6th December, 2019

No. 1567

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Colonel Robert Bonnici from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Individual Reserve Force, on retirement, with effect from 7th January, 2020.

6th December, 2019

No. 1568

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the transfer of Lieutenant Alan Harvey from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Individual Reserve Force, on retirement, with effect from 7th January, 2020.

6th December, 2019

Nru. 1569

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Maġġur George Abela mir-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mid-9 ta' Ottubru, 2019.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1569

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Major George Abela from the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers, with effect from 9th October, 2019.

6th December, 2019

Nru. 1570

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Logutenent Igino Calleja mir-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-5 ta' Ottubru, 2019.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1570

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Lieutenant Igino Calleja from the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers, with effect from 5th October, 2019.

6th December, 2019

Nru. 1571

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Logutenent Edwin Sciberras mir-Riżerva Regolari tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-1 ta' Diċembru, 2019.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1571

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has been pleased to approve the retirement of Lieutenant Edwin Sciberras from the Armed Forces of Malta Regular Reserve of Officers, with effect from 1st December, 2019.

6th December, 2019

Nru. 1572

PUBBLIKAZZJONI TA' ATTI
FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Atti li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XXXI tal-2019 imsejjaħ l-Att tal-2019 li jemenda Diversi Liġijiet (Amministrazzjoni aħjar tal-Ġustizzja).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1572

PUBLICATION OF ACTS
IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Acts are published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXXI of 2019 entitled the Various Laws (Better Administration of Justice) (Amendment) Act, 2019.

6th December, 2019

Nru. 1573

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 109 imsejjaħ l-Att tal-2019 li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 110 imsejjaħ l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1573

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 109 entitled the Explosives Ordinance (Amendment) Act, 2019; and

Bill No. 110 entitled the Police (Amendment) Act, 2019.

6th December, 2019

Nru. 1574

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INVESTIMENT U N-NEGOZJI ŻGĦAR

Awtorità dwar Żoni Ħielsa

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar fil-kapaċità tiegħu bħala Ministru responsabbli mill-Malta Enterprise, korporazzjoni stabblilita taħt artiklu 7 tal-Att dwar il-Malta Enterprise (Kap. 463) tal-Liġijiet ta' Malta, b'din jinnomina l-imsemmija Malta Enterprise bħala Awtorità dwar Żoni Ħielsa, skont artiklu 5 tal-Att XV tal-2019 dwar Żoni Ħielsa f'Malta. Din in-nomina tibqa' fis-seħħ sakemm tiġi revokata.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1574

MINISTRY FOR THE ECONOMY, INVESTMENT AND SMALL BUSINESSES

Free Zones Authority

IT is hereby notified that the Minister for Economy, Investment and Small Businesses in the capacity of Minister responsible for Malta Enterprise, a corporation established under article 7 of the Malta Enterprise Act (Cap. 463) of the Laws of Malta, hereby designates the said Malta Enterprise as the Free Zones Authority, in terms of article 5 of the Malta Free Zones Act, Act XV of 2019. Such designation shall remain in force until such time as it is revoked.

6th December, 2019

Nru. 1575

SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2020:

Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Il-Gudja	Lara Mascena

Is-6 ta' Diċembru, 2019

No. 1575

LOCAL COUNCIL EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Executive Secretary of that Local Council with effect from 1st January, 2020:

Local Council	*Executive Secretary*
Gudja	Lara Mascena

6th December, 2019

Nru. 1576

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt ġiet appuntata Aġent

No. 1576

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive

Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-27 ta' Novembru, 2019:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
Birżebbuġa	Rosalie Mintoff

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Nru. 1577

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 37(1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali ħatar lis-Sur Martin Saliba, BA (Hons), MA (Town and Country Planning, UK) bħala ċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-2 ta' Diċembru, 2019.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Nru. 1578

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
6.12.2019	€43.150	€0.527

Is-6 ta' Diċembru, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 201

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Secretary of that Local Council with effect from 27th November, 2019:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
Birżebbuġa	Rosalie Mintoff

6th December, 2019

No. 1577

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Executive Chairman of the Planning Authority

IN terms of Article 37 (1) of the Development Planning Act, the Minister for Transport, Infrastructure and Capital Projects appointed Mr Martin Saliba, BA (Hons), MA (Town and Country Planning, UK) as the Executive Chairperson for the Planning Authority for a period of three years with effect from the 2nd December, 2019.

6th December, 2019

No. 1578

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data	Deheb Pur Gramma	Fidda Pura Gramma
Date	*Pure Gold Grams*	*Pure Silver Grams*
6.12.2019	€43.150	€0.527

6th December, 2019

POLICE NOTICE

No. 201

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Għajnsielem, Għawdex

Nhar it-Tlieta, 10 ta' Diċembru, 2019, mit-8.00 a.m. sa 8.05 a.m., minn nofsinhar sa 12.05 p.m u mis-7.30 p.m sat-7.50 p.m., minn Triq Borg Għarib.

Marsaxlokk

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Diċembru, 2019, mid-9.30 a.m. sa nofsinhar, minn Xatt is-Sajjieda.

Iż-Żejtun

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2019, mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m., minn Misraħ Gregorio Bonici, Triq il-Kbira, Triq Bandolier, Misraħ il-Bjar, Triq Sant' Antnin, Triq Santu Wistin, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Karlu Diacono, Triq Sant' Anġlu, Triq Santa Luċija u Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill.

Iż-Żurrieq

Nhar l-Erbgħa, 25 ta' Diċembru, 2019, mit-8.30 a.m. sas-2.00 p.m., minn Pjazza Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq Piety, Triq San Bartilmew, Triq Santa Katarina and Triq P. P. Saydon.

Ta' Sannat

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Diċembru, 2019, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq Ta' Ċenċ, Triq Skerla u Pjazza Santa Margerita.

In-Nadur

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Diċembru, 2019, mis-6.30 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq San Ġorġ Preca, Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku and Triq San Ġwann.

Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Jannar, 2020, mill-4.45 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta'April 1688, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann u Triq Diċembru Tlettax.

L-Isla

Nhar il-Ħadd, 12 ta' Jannar, 2020, mill-5.00 a.m. sal-11.00 a.m., mill-Waterfront tal-Birgu, Triq l-Assedju l-Kbir, Triq Dom Mintoff, Maċina, Xatt Juan B. Azzopardi u l-kosta tal-Isla.

Għajnsielem, Gozo

On Tuesday, 10th December, 2019, from 8.00 a.m. till 8.05 a.m., form noon till 12.05 p.m and from 7.30 p.m till 7.50 p.m, through Triq Borg Għarib.

Marsaxlokk

On Sunday, 15th December, 2019, from 9.30 a.m. till noon, through Xatt is-Sajjieda.

Żejtun

On Tuesday, 24th December, 2019, from 4.30 p.m. till 7.00 p.m., through Misraħ Gregorio Bonici, Triq il-Kbira, Triq Bandolier, Misraħ il-Bjar, Triq Sant' Antnin, Triq Santu Wistin, Triq San Girgor, Triq Santa Monika, Triq Luqa Briffa, Triq Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Karlu Diacono, Triq Sant' Anġlu, Triq Santa Luċija and Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill.

Żurrieq

On Wednesday, 25th December, 2019, from 8.30 a.m. till 2.00 p.m., through Pjazza Repubblika, Triq il-Karmnu, Triq Piety, Triq San Bartilmew, Triq Santa Katarina and Triq P. P. Saydon.

Ta' Sannat

On Thursday, 26th December, 2019, from 6.00 p.m. till 8.00 p.m., through Triq Ta' Ċenċ, Triq Skerla and Pjazza Santa Margerita.

Nadur

On Tuesday, 24th December, 2019, from 6.30 p.m. till 9.00 p.m., through Triq San Ġorġ Preca, Triq Diċembru Tlettax, Pjazza San Pietru u San Pawl, Triq il-Kappillan, Triq Dun Bernard Haber, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku u Triq San Ġwann.

On Wednesday, 1st January, 2020, from 4.45 p.m. till 7.00 p.m., through Pjazza San Pietru u San Pawl, Pjazza 28 ta'April 1688, Triq Rakela Camilleri, Triq Xandriku, Triq San Ġwann and Triq Diċembru Tlettax.

Senglea

On Sunday, 12th January, 2020, from 5.00 a.m. till 11.00 a.m., through Vittoriosa Waterfront, Triq l-Assedju l-Kbir, Triq Dom Mintoff, Maċina, Xatt Juan B. Azzopardi and Senglea Coast.

Il-Birgu

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2020, ħadd ma jista' jipparkja mis-7.15 a.m. sal-11.15 a.m., minn Triq il-Mina l-Kbira. Vetturi ma jistgħux jgħaddu mit-8.15 a.m. sal-11.15 a.m. minn Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina l-Kbira, Triq Nestu Laiviera u Triq San Lawrenz.

Għeluq għat-trasport pubbliku fit-toroq, dati u ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Vittoriosa

On Sunday, 5th January, 2020, no parking is allowed from 7.15 a.m. till 11.15 a.m., through Triq il-Mina l-Kbira. No passing of vehicles from 8.15 a.m. till 11.15 p.m. through Pjazza tal-Belt Vittoriosa, Triq il-Mina l-Kbira, Triq Nestu Laiviera and Triq San Lawrenz.

Closure for route buses in the abovementioned roads, dates and times.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

6th December, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 202

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, 7 ta' Diċembru, 2019, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, sal-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2019, sas-2.00 p.m. minn Triq Sciortino bejn Vjal il-Ħelsien u Triq Milanesi.

Il-Mosta

Iċ-ċaqliq kollu tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa projbit nhar il-Ħadd, 8 ta' Diċembru, 2019, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., fi Pjazza Rotunda (parkeġġ).

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Diċembru, 2019, mill-5.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Triq ir-Repubblika bejn Bieb il-Belt u Triq San Duminku, Triq il-Merkanti bejn Triq l-Arċisqof u Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof bejn Triq ir-Repubblika u Triq l-Ifran u l-parkeġġ kollu tal-Bank Centrali.

Burmarrad

Iċ-ċaqliq kollu tat-traffiku (traġitt u parkeġġ) huwa projbit nhar il-Ħadd, 22 ta' Diċembru, 2019, mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq Patri Wistin Magro, Triq Manwel Bonnici u Triq San Pawl Milqi.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

POLICE NOTICE

No. 202

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żebbuġ

On Saturday, 7th December, 2019, from 7.00 a.m. onwards, till Sunday, 8th December, 2019, till 2.00 p.m. through Triq Sciortino between Vjal il-Ħelsien and Triq Milanesi.

Mosta

All the traffic movement (Transit or Parking) is prohibited on Sunday, 8th December, 2019, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., in Pjazza Rotunda (parking area).

Valletta

On Friday, 13th December, 2019, from 5.00 a.m. till 1.00 p.m., through Triq ir-Repubblika between City Gate and Triq San Duminku, Triq il-Merkanti between Triq l-Arċisqof and Triq San Duminku, Triq l-Arċisqof between Triq ir-Repubblika and Triq l-Ifran and all Central Bank parking area.

Burmarrad

All the traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 22nd December, 2019, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m., through Triq Patri Wistin Magro, Triq Manwel Bonnici and Triq San Pawl Milqi.

6th December, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 162 tal-2019

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 118 tal-2019 – Rigward Tiswija ta' Ħsarat f'Moll f'Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf li xogħlijiet ta' tiswija fil-moll f'Marsaxlokk ġew kompluti.

Għalhekk Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 118 tal-2019 rigward – tiswija ta' ħsarat f'moll f'Marsaxlokk ġie KKANĊELLAT.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 162 of 2019

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 118 of 2019 – Regarding Repair of Damaged Jetty at Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies that the repair works on the Jetty at Marsaxlokk have been completed.

Therefore Local Notice to Mariners No. 118 of 2019 - re - Repair of damaged Jetty at Marsaxlokk is hereby CANCELLED.

6th December, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 163 tal-2019

Investigazzjoni Ġeoteknika fil-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li Infrastructure Malta se tagħmel Investigazzjoni Ġeoteknika f'żoni differenti fil-Port il-Kbir, Il-Belt Valletta. L-investigazzjoni se tibda nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2019, u se titlesta nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.

Ix-xogħol se jikkonsisti f'investigazzjoni ġeoteknika f'żoni 1, 2, 3 u 4 (kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) u se jsir minn fuq braken ċatti.

Żona *Area*	Data tal-bidu *Start Date*	Data ta' tlestija *Completion Date*
1	Il-Ħamis, 2 ta' Jannar, 2020 *Thursday, 2nd January, 2020*	Il-Ħamis, 30 ta' Jannar, 2020 *Thursday, 30th January, 2020*
2	It-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020 *Monday, 20th January, 2020*	Il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020 *Friday, 28th February, 2020*
3	It-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019 *Monday, 23rd December, 2019*	Il-Ħadd, 5 ta' Jannar, 2020 *Sunday, 5th January, 2020*
4	Il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2019 *Friday, 6th December, 2019*	It-Tlieta, 31 ta' Diċembru, 2019 *Tuesday, 31st December, 2019*

Ix-xogħlijiet se jiġu kkordinati mill-Valletta Port Control (Valletta VTS), it-Taqsima tal-Immaniġġjar tat-Traffiku (TMU) fi Transport Malta u l-kuntrattur fis-sit.

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 163 of 2019

Geotechnical Investigation in the Grand Harbour, Valletta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners that Infrastructure Malta will be carrying out a Geotechnical Investigation in different areas within the Grand Harbour, Valletta. The investigation will commence on Friday, 6th December, 2019, and be completed by Friday, 28th February, 2020.

The work consists of a geotechnical investigation in areas 1, 2, 3 and 4 (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)) and will be carried out from flat barges.

The works will be coordinated by the Valletta Port Control (Valletta VTS), the Traffic Management Unit (TMU) at Transport Malta and the contractor on site.

Sidien u operaturi ta' bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, ibaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa (bla rima) u jagħtu liż-żoni indikati spazju wiesa'. Huma għandhom jobdu kull struzzjoni mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 12 jew kull aġenzija ta' infurzar fis-sit.

Charts affettwati: BA 177,2537, 2538

Is-6 ta' Diċembru, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 164 tal-2019

Tqegħid ta' Cable bejn Malta (Ir-Ramla tal-Mixquqa) u Għawdex (Ras il-Ħobż)

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jitqiegħed cable bejn Malta (Ir-Ramla tal-Mixquqa) u Għawdex (Ras il-Ħobż).

Il-cable se jitqiegħed permezz tal-bastiment Teliri tul ir-rotta minn A sa B kif muri fuq iċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt). It-tqegħid se jibda nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, 2019, u huwa mistenni li jitlesta nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Diċembru, 2019.

Pożizzjoni *Position*	Latitudni (T) *Latitude (N)*	Longitudni (L) *Longitude (E)*	
A	35° 56'.060	014° 20'.626	Malta (Il-Ramla tal-Mixquqa)
B	36° 00'.957	014° 16'.769	Gozo (Ras il-Ħobż)

Matul l-operazzjoni tat-tqegħid tal-cable, se jiġi ingaġġati għaddasa.

Sidien u operaturi ta' bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti u jbaħħru b'veloċità baxxa fiż-żoni ta' hawn fuq. Huma għandhom jagħtu lill-bastiment tat-tqegħid tal-cable spazju wiesa' ta' mill-anqas 1.5 km għax se jkun ristrett fil-manuvrar.

Barra minn hekk, huma mitluba jobdu struzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control (Valletta VTS) fuq VHF Channel 1.

Charts affettwati: BA 211, 2537, 2538

Pożizzjonijiet riferuti għal WGS 84 DATUM

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and slow speed (no wake) and give the indicated areas a wide berth. They are to comply with any instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12 and any enforcement agency on site.

Charts affected: BA 177,2537, 2538

6th December, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 164 of 2019

Cable Laying between Malta (Il-Ramla tal-Mixquqa) and Gozo (Ras il-Ħobż)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a cable will be laid out between Malta (Ir-Ramla tal-Mixquqa) and Gozo (Ras il-Ħobż).

The cable will be laid out by the cable laying vessel Teliri along the route from A to B as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt). This laying will start on Friday, 6th December, 2019, and is expected to be completed by Friday, 14th December, 2019.

Position	Latitude (N)	Longitude (E)	
A	35° 56'.060	014° 20'.626	Malta (Il-Ramla tal-Mixquqa)
B	36° 00'.957	014° 16'.769	Gozo (Ras il-Ħobż)

During the cable laying operation divers will be deployed.

Mariners and operators of sea craft are advised to keep a sharp lookout and proceed at slow speed while navigating in the above areas. They are to give the cable laying vessel Teliri a wide berth of at least 1.5 km as she will be restricted in manoeuvrability.

Moreover, they are requested to comply with instructions given by Valletta Port Control (Valletta VTS) on VHF Channel 12.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

Positions referred to WGS 84 DATUM

6th December, 2019

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' Front Desk Officer fil-Proġett LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Front Desk Officer fil-proġett LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF 2014-2020).

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjanment sal-31 ta' Marzu 2021 bħala Front Desk Officer fil-proġett LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Front Desk Officer hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Front Desk Officer taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Front Desk Officer huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 14, li fis-sena 2019 hi €15,393.00 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €316.83 sa massimu ta' €17,294.00.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Front Desk Officer fi ħdan il-Migrant Learners' Unit (MLU) jinkludu:

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Position of Front Desk Officer for the Project LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) in the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Educations Regulations 2016) in its recruitment process.

1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE), invites applications for the position of Front Desk Officer to work in the project LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01) in the Ministry for Education and Employment. The LLAPSI + project is part-financed by the European Union under the Asylum, Migration and Integration Fund (AMIF 2014-2020).

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into an assignment until 31st March, 2021, as a Front Desk Officer for the LLAPSI+ project (MT/2016/AMIF/4.01) in the Ministry for Education and Employment, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Front Desk Officer constitutes an objective reason which is subject to a probationary period of six (6) months.

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Front Desk Officer falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of Front Desk Officer is equivalent to Salary Scale 14, which in the year 2019 is €15,393.00 per annum rising by annual increment of €316.83 up to a maximum of €17,294.00.

Duties

4. The duties of Front Desk Officer in the Migrant Learners' Unit (MLU) include:

i. tipprovdi assistenza fil-ħin lill-klijenti;

ii. tipprovdi informazzjoni lill-klijenti permezz tat-telefown jew mezzi oħra ta' komunikazzjoni;

iii. twettaq dmirijiet fir-reception kif meħtieġ, inkluż li tiddetermina n-natura u l-iskop taż-żjara;

iv. tieħu ħsieb ilmenti żgħar u tressaq ilmenti oħrajn lill-membri tal-istaff konċernati;

v. tipprovdi informazzjoni ċara u preċiża dwar servizzi relatati mal-immigranti u tkun kapaċi tagħmel riċerka dwar mistoqsijiet oħra;

vi. tassigura li l-uffiċċju huwa fornut b'materjal informattiv biex jilħaq it-talbiet tal-klijenti;

vii. twettaq xogħol ta' assistenza mal-klijenti, tipproċessa applikazzjonijiet u tassisti fir-rikjesti ta' servizzi tal-klijenti kif ikun meħtieġ;

viii. tiġbor u żżomm rendikont tal-attivitajiet;

ix. iżżomm u taġġorna informazzjoni kif ikun meħtieġ;

x. tagħmel użu mis-sistemi tal-IT tad-dipartiment/sezzjoni u/jew timmaniġġja korrispondenza elettronika;

xi. tikkordina l-komunikazzjoni fil-Migrant Learners' Unit (MLU), fil-proġett, u ma' entitajiet oħra;

xii. tassisti fir-rutina tax-xogħol klerikali u amministrattiv;

xiii. twettaq dmirijiet oħra skont kif mitlub mill-Project Leader jew mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;

xiv. twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

i. providing timely assistance to customers;

ii. providing information to clients over the phone or via other communication tools;

iii. carrying out reception duties as required, including determining the nature and purpose of visit;

iv. handling minor complaints and forwarding other complaints to the member of staff concerned;

v. providing clear and accurate information about any migrant related service and being able to research about other queries;

vi. ensuring that the office is adequately stocked with information material to meet customers' requests;

vii. carrying out customer handling tasks, processing applications and assisting to client needs for services as required;

viii. compiling and maintaining records of activities;

ix. recording and updating of data as required;

x. making use of departmental/section IT systems and/or databases as well as handling email correspondence;

xi. coordinating communication within the Migrant Learners' Unit (MLU), in the project and with other entities;

xii. assisting with routine, clerical and administrative duties;

xiii. carrying out other duties as may be determined by the Project Leader or the Permanent Secretary of the Ministry for Education and Employment;

xiv. any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. fil-pussess ta' Ċertifikat f'Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti) fil-Public Policy, jew Management, jew Business Management, jew Administrative u Secretarial Studies, jew Human Resources, jew Training and Development, jew Public Administration, jew Social Policy, jew Communications, jew Sociology, jew Guidance, jew Customer Care jew kwalifika komparabbli; **jew**

iii. in possession of an MQF Level 4 Certificate (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent) in Public Policy, or Management, or Business Management, or Administrative and Secretarial Studies, or Human Resources, or Training and Development, or Public Administration, or Social Policy, or Communications, or Sociology, or Guidance, or Customer Care or a comparable qualification; **or**

iv. fil-pussess ta' suġġett wieħed (1) f'Ċertifikat tal-Matrikola Avvanzat (grad minimu E) f'Livell 4 tal-MQF jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli fi kwalunkwe lingwa, jew Philosophy, jew Sociology, jew History, jew Psychology, jew Geography u erba' (4) passes f'livell Ordinarju ('O' Level grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) f'Livell 3 tal-MQF, fi kwalunkwe lingwa, jew History, jew Geography jew Social Studies jew kwalunkwe qasam relatat ieħor; **jew**

iv. in possession of one (1) subject at Advanced Matriculation Certificate (minimum grade E) at MQF Level 4 or a recognised appropriate comaprable qualification in any Language, or Philosophy, or Sociology, or History, or or Psychology, or Geography and four (4) passes at Ordinary level ('O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, in any Language, or History, or Geography or Social Studies any other related field; **or**

v. fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti f'Ċertifikat tal-Matrikola Intermedju (grad minimu E) f'Livell 4 tal-MQF jew kwalifika xierqa rikonoxxuta komparabbli fi kwalunkwe lingwa, jew Philosophy, jew Sociology, jew Psychology, jew Geography u erba' (4) passes f'livell Ordinarju ('O' Level grad A-C) u/jew Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) f'Livell 3 tal-MQF, fi kwalunkwe lingwa, jew History, jew Geography jew Social Studies jew kwalunkwe qasam relatat ieħor.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja

v. in possession of two (2) subjects at Intermediate Matriculation Certificate (minimum grade E) at MQF Level 4 or a recognised appropriate comaprable qualification in any language, or Philosphy, or Sociology or Psychology or Geography and four (4) passes at Ordinary level ('O' Level grade A-C) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3, in any Language, or History, or Geography or Social Studies or any other related field.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **100%** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50%**. L-esperjenza fil-litteriżmu diġitali tkun ta' għajnuna.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal.

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' ittra elettronika li tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn Edu Servizz.gov bin-numru tat-telefown 153.

8.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

8.3 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma jistax jinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

8.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

which are to be scanned and sent through the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is **100%** and the pass mark is **50%**. Experience in digital literacy will be an asset.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, through the Online Education Recruitment Portal **only** (http://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal.

The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 23rd December, 2019.

An automatic receipt will be sent to your email informing you that your application was submitted successfully. Further information may be obtained from Edu Servizz.gov on telephone number 153.

8.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

8.3 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

8.4 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;

il-proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

eżami mediku;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;

żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;

the submission of recognition statements in respect of qualifications;

the publication of the result;

the process for the submission of petitions concerning the result;

medical examination;


access to application forms and related details;

retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for application.

6th December, 2019



Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni 2014-2020
Dan il-proġett huwa parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Rata ta' kofinanzjament: 75% Fondi UE 25%Fondi mill-Benefiċarju
Ġestjoni Sostenibbli ta' Sigurtà Interna



Asylum, Migration and Integration Fund 2014-2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Post ta' Social Worker fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta'

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Post of Social Worker within the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in Compulsory Educations Regulations 2016) in its recruitment process.

1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE), invites applications for the post

Social Worker fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Social Worker huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2019 hi €19,958.00 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €22,404.00.

2.3 Persuna fil-grad ta' Social Worker titla' fi Skala 9, li fis-sena 2019 hi (€21,252.00 x €447.33 - €23,936.00) wara sentejn (2) servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti u jekk ikollha fil-pussess tagħha Warrant li tkun tista' tipprattika bħala Social Worker.

2.4 Persuna fil-grad ta' Social Worker (Skala ta' Salarju 9) tiġi promossa għall-grad ta' Social Worker fi Skala 8, li fis-sena 2019 hi (€22,645.00 x €486.83 - €25,566.00) wara tmien (8) snin servizz, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Persuna fil-grad ta' Social Worker fi Skala ta' Salarju 8 li għandha kwalifika ta' Masters rikonoxxuta f'Livell 7 MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008) relatata mas-Social Work, tibbenefika minn estensjoni fl-iskala ta' salarju fuq il-bażi tal-kwalifika tal-Masters u wara tnax-il (12) xahar fil-massimu tal-Iskala ta' Salarju 8, wara intervista u suġġetta għal ħidma sodisfaċenti fil-grad. Il-persuna tibqa' żżomm il-grad ta' Social Worker. F'dawn iċ-ċirkostanzi titqiegħed fl-Iskala ta' Salarju 7. Meta tidħol fl-Iskala ta' Salarju 7, l-allowance tal-kwalifika stipulata fil-PSMC ma tibqax tingħata.

2.6 Il-persuna magħżula tkun intitolata allowance mhux pensjonabbli ta' €1,000 fis-sena kif kontemplat fil-Memorandum of Understanding rigward is-Social Work Class iffirmat fl-1 ta' Frar, 2008, bejn il-UĦM u l-Gvern ta' Malta li għandha tibqa' tingħata lill-uffiċjali fil-gradi rispettivi li jaqgħu taħt Social Class u li għandhom warrant biex jipprattikaw bħala Social Worker.

2.7 Il-persuna magħżula tkun intitolata għal benefiċċju ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (CPD) ta' €700 kull sena, skont il-ftehim bejn l-MUMN u l-MEDE, pagabbli fuq preżentazzjoni ta' rċevuti u f'konformità mal-politika applikabbli għal Social Workers fi ħdan il-Ministeru għas-Saħħa.

2.8 Matul iż-żmien tal-prova l-persuna maħtura trid taħdem/tattendi fażi ta' introduzzjoni li matulha tingħata tagħrif intensiv mid-Dipartiment ta' Servizzi Nazzjonali

of Social Worker within the Ministry for Education and Employment.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Social Worker is Salary Scale 10, which in the year 2019 is €19,958.00 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €22,404.00.

2.3 A Social Worker will progress to Salary Scale 9, which in the year 2019 is (€21,252.00 x €447.33 - €23,936.00) on completion of 2 years service in the grade, subject to satisfactory performance and is in possession of a Warrant to practice as a Social Worker.

2.4 A Social Worker (Salary Scale 9) will progress to Social Worker Salary Scale 8, which in the year 2019 is (€22,645.00 x €486.83 - €25,566.00) after eight (8) years of satisfactory performance in the grade.

2.5 A Social Worker in Salary Scale 8 who is in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regards to programmes commencing as from October 2008) related to Social Work, shall benefit from an extended salary scale on the basis of a Masters degree and after twelve (12) months on the maximum of Salary Scale 8, following an interview and subject to satisfactory performance. S/he shall retain the grade of Social Worker. In such circumstances s/he shall be placed into Salary Scale 7. Upon being placed in salary scale 7 the qualification allowance stipulated in the PSMC shall cease to be paid.

2.6 The selected candidate will be entitled a non-pensionable allowance of €1,000 per annum as contemplated in the Memorandum of Understanding regarding the Social Class signed on 1st February, 2008, between the UĦM and the Government of Malta that shall continue to be awarded to officers in the respective grades falling under the Social Class and who have a warrant to practice as Social Worker.

2.7 The selected candidate will be entitled to a Continous Professional Development (CPD) allowance of €700 per year as per agreement between MUMN and MEDE, payable against the provisions of receipts and in line with policies applicable for Social Workers at the Ministry for Health.

2.8 During the probation period the chosen candidate has to work/attend an introductory phase during which intensive information is given by the Department of National School

ta' Sapport għall-Iskejjel u tista' wkoll tiġi mitluba tattendi taħriġ organizzat minn entitajiet oħra mid-Dipartiment ta' Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Social Worker jinkludu li:

i. tagħmel assessjar tal-bżonnijiet ta' tfal u studenti referuti lis-servizz permezz ta' viżti fid-dar, fl-iskola, fl-uffiċċju jew postijiet oħra;

ii. taħdem b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-professjonisti Edukattivi Psikosoċjali li jaħdmu fi ħdan il-Kulleġġ, mal-amministrazzjoni tal-iskejjel, mas-Servizzi Nazzjonali ta' Sapport għall-Iskejjel, u ma' professjonisti oħra li jaħdmu f'entitajiet oħra tal-gvern, kif ukoll f'aġenziji mhux governattivi biex b'hekk jiżguraw l-aħjar użu tar-riżorsi għall-ġid tal-klijenti tagħhom;

iii. tippromovi u taqsam informazzjoni dwar l-Addressing Attendance in Schools Policy, proċeduri, stateġija u implimentazzjoni mal-istudenti, ġenituri u l-istaff ġewwa l-iskejjel, kif ukoll timplimenta l-miżuri kif indikat fl-istess dokumenti;

iv. tara li l-ġenituri jsegwu l-liġi dwar l-edukazzjoni obbligatorja, timmoniterja l-attendenza tat-tfal fuq bażi regolari u tindirizza dawk l-aspetti li qed iwasslu għall-assenteiżmu;

v. tipprepara għal u tattendi s-seduti tat-Tribunali Reġjonali;

vi. iżżomm kuntatt regolari mal-uffiċċju amministrattiv tas-Servizz tal-Ħidma Soċjali fi ħdan l-NSSS;

vii. tassigura li r-rekords u s-sistemi ta' lloggjar dwar l-interventi kollha mal-istudenti jinżammu filwaqt li tiggarantixxi li l-kunfidenzjalità tinżamm dejjem skont il-provvedimenti legali eżistenti;

viii. twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti, MEDE;

ix. tagħmel kull xogħol ieħor skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif mitlub mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu minn (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

Support Services and can also be asked to attend training organised by other entities within the Department of National School Support Services.

Duties

3.1 The duties of Social Worker include:

i. carrying out home, school, office or other visits to assess the needs of children and learners referred to the service;

ii. working in close collaboration with the College Education Psycho-Social team, School Management Teams, the National School Support Services, and professionals employed with other Government entities and non-Governmental Agencies, thereby ensuring maximum utilisation of resources for the benefit of their clients;

iii. promoting and disseminating the Addressing Attendance in Schools Policy, Strategy and Procedures with students, parents and school staff accordingly, and implementing the relevant measures as indicated in the Addressing Attendance in Schools Strategy and Implementation;

iv. ensuring the law on compulsory education is adhered to by parents, keeping track of truant students and addressing issues that are leading to absenteeism;

v. preparing for and participating in Regional Tribunal Sittings;

vi. maintaining regular working links with the Social Work Service (SWS) administrative office at NSSS;

vii. ensuring that records and logging systems are well kept regarding all interventions carried out with each students whilst ensuring confidentiality at all times in accordance with legal provisions;

viii. any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Permanent secretary, MEDE;

ix. performing any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 Further details of the job description for the post of Social Worker may be obtained from (http://education.gov.mt/en/vacancies/Pages/Vacancies.aspx).

3.3 Ir-rwol ta' Social Worker jeżiġi primarjament li jitwettaq xogħol soċjali ta' valutazzjoni u ta' interventi effettivi ma' tfal, studenti u l-familji tagħhom. Il-kandidati magħżula jridu jassiguraw li l-klijenti tagħhom jiġu provduti b'servizz ta' ħidma soċjali professjonali u effiċjenti permezz ta' assessments preċiżi kif ukoll interventi professjonali f'waqthom. Ir-responsabbiltajiet jinkludu ż-żamma ta' dokumentazzjoni meħtieġa, l-immaniġġjar ta' każijiet, il-kitba ta' rapporti, l-użu minn laqgħat dwar każijiet u reviżjoni ta' każijiet, biex jassiguraw li l-interventi jkunu ħolistiċi u integrati, konsultazzjonijiet, ħidma fi grupp, u interventi f'waqtiet ta' kriżi.

3.4 Persuna fil-grad ta' Social Worker tista' tintbagħat taqdi dmirijiet f'Kulleġġi tal-Istat, fi Skejjel tal-Primarja u/jew tas-Sekondarja, f'Resource Centres, f'Learning Support Centres u f'istituzzjonijiet edukattiv oħra, skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku u b'mod partikulari tal-MEDE.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-

3.3 The role of the Social Worker primarily entails carrying out effective social work assessment and interventions with children, learners and their families. A selected candidate must ensure that service users are provided with a professional standard of social work through accurate assessments as well as the provision of professional and timely interventions. Responsibilities include maintaining required documentation, case management, report writing, the use of case conferences and case reviews to ensure holistic and integrated interventions, consultation, team work, and crises intervention.

3.4 A Social Worker can be deployed to perform duties in State Colleges, Primary and/or Secondary Schools, Resource Centres, Learning Support Centres and any other educational institutions, according to the exigencies of the Public Service and MEDE in particular.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should

ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(iii) (a) ikollhom fil-pussess tagħhom Warrant maħruġ mill-Malta Social Work Profession Board; U

(b) ikollhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) fis-Social Work jew kwalifika professjonali kumparabbli; JEW

(iv) ikollhom fil-pussess tagħhom il-kwalifika msemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b) hawn fuq, u li jkunu eliġibbli għall-warrant imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) (a) hawn fuq, bil-kundizzjoni li ladarba jkunu temmew perjodu ta' aggregate ta' mhux anqas minn sentejn (2) prattika professjonali full-time (jew l-ekwivalenti f'part-time), taħt superviżjoni ta' Social Worker bil-warrant, il-persuna magħżula tkun mistennija li tapplika għall-warrant ta' Social Worker u sakemm tingħata l-warrant neċessarju, tkun fuq probation taħt superviżjoni.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà sakem dawn ikunu fis-suġġetti mitluba. Kwalifika ta' Masters f'Livell 7 ta' MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta'60 krettu ECTS/ECVET fir-rigward ta' korsijiet li bdew minn Ottubru 2008.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3. Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal

be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of the warrant issued by the Malta Social Work Profession Board; AND

(b) in possession of a recognised qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVE credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Social Work or a comparable professional qualification; OR

(iv) in possession of the qualification mentioned in paragraph 4.1 (iii) (b) above and who are eligible for the warrant mentioned in paragraph 4.1 (iii) (a) above, on condition that following the completion of an aggregate period of at least two (2) years full-time (or its equivalent in part-time) professional practice under the supervision of a warranted social worker, the selected candidate will be required to apply for a Social Worker's warrant and until such time as s/he is awarded the required warrant, s/he will be on probation and under supervision.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements. A Masters qualification at MQF Level 7, or equivalent, must comprise a minimum of 60 ECTS/ECVET credits with regard to programmes commencing as from October 2008

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades

gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5. Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6. L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija **100%** u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija **50%**.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is **100%** and the pass mark is **50%**.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal.

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019.

Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' ittra elettronika li tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn Edu Servizz.gov bn-numru tat-telefown 153.

7.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

7.3 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma jistax jinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;
sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,
jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, through the Online Education Recruitment Portal **only** (http://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal.

The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 23rd December, 2019.

An automatic receipt will be sent to your email informing you that your application was submitted successfully. Further information may be obtained from Edu Servizz.gov on telephone number 153.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

7.3 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.4 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,
may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/

gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

Post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (People Management), Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2019 huwa ta' €17,576 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €19,700.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fi Skala ta' Salarju 12 tipprogressa għal Skala 11 (€18,743 x €375.17 - €20,994 fis-sena 2019) mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b), f'perjodu ta' mhux iktar minn sentejn (2) mid-data tal-ħatra, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija.

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u tipprogressa fi Skala 10 (€19,958 x €407.67- €22,404 fis sena 2019) wara tliet (3) snin servizz fil-grad fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx).

These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for application.

6th December, 2019

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (People Management), Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects invites applications for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2019 is equivalent to €17,576 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €19,700.

2.4 An Assistant Manager (Accounting and Finance) in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2019 is equivalent to €18,473 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €20,994, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b), in not more than two (2) years from the date of appointment, in failure of which, appointment would be relinquished.

2.5 An Assistant Manager (Accounting and Finance) who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, which will progress to Scale 10 (€19,958 x €407.67 - €22,404 in the year 2019) on completion of three (3) years service in the grade in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 Ġaladarba jiġi appuntat għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-kandidat maħtur jiġi rikjest biex jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku jkun għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet tal-Assistenti Diretturi.

2.6 On being appointed, a successful candidate would be requested to renounce to any other application/s currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to Assistant Director calls.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade/position being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Il-kandidati magħżula jridu jservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjonijiet tal-Assistenti Diretturi.

a. Successful candidates are to serve in this post for a minimum of two (2) years, without prejudice to application for Assistant Director calls.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-eżiġenzi tal-management.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in Accounting and Finance, subject to availability of vacancies and the exigencies of management.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) jinkludu li:

Duties

3. The duties of Assistant Manager (Accounting and Finance) include:

i. iwettaq dmirijiet relatati ma' tranżazzjonijiet ta' flus kontanti u ċekkijiet. Dan jinkludi l-ipproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet, verifiki, rekordjar, aġġustamenti, rendikont (tracking) u rikonċiljazzjoni;

i. carrying out duties related to cash and cheque transactions. This includes the timely processing of transactions, verifications, recording, adjustments, tracking and reconciliation;

ii. jassigura li l-approvazzjonijiet ikunu disponibbli qabel l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet, li l-ammonti mħallsin ikunu korretti u li tinżamm il-proċedura;

ii. ensuring that approvals are available before processing transactions, that amounts paid are correct and that procedure is followed;

iii. jieħu ħsieb iż-żamma tal-kotba (book keeping) elementari u jassisti fit-tħejjija taż-żamma ta' kontijiet (accounts) bħalma huma bilanċi tar-reġistru (ledger) u sottomissjonijiet oħra rilevanti. Dan jinkludi dmirijiet relatati mat-tranżizzjoni tal-Gvern lejn sistema ta' accrual accounting;

iii. dealing with basic book keeping and assisting in the preparation of accounts, such as ledger balances and other relevant submissions. This includes performing duties related to Government's transition to accrual accounting;

iv. jikkontribwixxi għall-analiżi, verifiki u spezzjonijiet, li jistgħu jinkludu spezzjonijiet fuq il-post u ċċekkjar bla notifikazzjoni;

iv. contributing to reviews, audits and inspections, which may include field inspections and spot checks;

v. jassisti fil-kompilazzjoni ta' rapporti, fosthom il-kompilazzjoni ta' evidenza għall-proċedimenti legali u informazzjoni li tirrigwarda Mistoqsijiet Parlamentari;

vi. jassisti fl-ippjanar u l-kontroll ta' baġit taħt superviżjoni, waqt li jressaq materji rilevanti għall-attenzjoni tal-uffiċjal li jkun qed jagħmel is-superviżjoni kif ikun neċessarju. Dan jinkludi r-reviżjonijiet tal-baġits proposti u l-verifika tal-line items u l-infiq kollha biex tiġi żgurata l-eżattezza;

vii. jivvaluta, taħt superviżjoni, virements fi ħdan il-Voti kif ukoll talbiet għall-fondi addizzjonali u l-Estimi Riveduti;

viii. jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' implimentazzjoni ta' proġetti inklużi proċessi ddelegati, u għall-identifikazzjoni ta' titjib tal-proċess għal raġuni ta' simplifikazzjoni, innovazzjoni u valur miżjud;

ix. iżomm ruħu aġġornat ma' standards ta' kontabbiltà (accounting), leġiżlazzjoni finanzjarja u politiki tal-Gvern;

x. iżomm ruħu aġġornat ma' sistemi bażiċi ta' kontabbiltà (accounting), proċeduri u applikazzjonijiet, u jsegwi taħriġ kif jintalab jagħmel;

xi. jikkordina u jipparteċipa f'laqgħat, iżomm il-minuti tal-laqgħat u jara li l-azzjoni meħtieġa titwettaq;

xii. jassisti f'ħidmiet ta' kuljum, li jinkludu l-immaniġġjar u d-distribuzzjoni ta' korrispondenza u talbiet għal informazzjoni, iżomm ir-rekords, kif ukoll l-inputtjar u l-aġġornar ta' informazzjoni bbażata fuq kompjuter u databases;

xiii. dmirijiet oħra skont struzzjonijiet mogħtija mid-Direttur, id-Direttur Ġenerali u s-Segretarju Permanenti; u

xiv. dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet

v. assisting in the compilation of publications and reports, including the compilation of evidence for legal proceedings and information for Parliamentary Questions;

vi. assisting in budget planning and control under supervision, while bringing relevant matters to the attention of the supervising officer as necessary. This includes reviewing proposed Budgets and verifying all line items and expenditures to ensure accuracy;

vii. assessing, under supervision, virements within the Votes as well as requests for additional funding and the Revised Estimates;

viii. contributing to the development of project implementation including delegated processes, and to the identification of process improvements for simplification, innovation and added value;

ix. keeping abreast with accounting standards, financial legislation and Government policies;

x. keeping abreast with basic accounting systems, procedures and applications, and following training as directed;

xi. coordinating and participating in meetings, taking minutes and following up on required actions;

xii. assisting in day-to-day operations, including the management and distribution of correspondence and queries, record keeping, as well as inputting and updating of computer-based information and databases;

xiii. any other duties as directed by the Director, the Director General and the Permanent Secretary; and

xiv. any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to

ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża. Dawk il-kandidati li m'għandhomx MQF ta' Livell 1 fil-lingwa Maltija jridu jattendu u jgħaddu b'suċċess fl-assessjar mill-kors 'Maltese Language 1' offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. L-attendenza għal dan il-kors, flimkien mal-kisba tal-MQF tal-Livell 1, għandhom jitlestew qabel il-konferma tal-ħatra, jiġifieri fi żmien sitt (6) xhur mill-ingaġġ. B'hekk, Uffiċjali impjegati li ma jiksbux dan iċ-ċertifikat fi żmien ta' prova ta' sitt (6) xhur, jingħataw estensjoni ta' darba ta' żmien ta' prova għal perjodu ta' sitt (6) xhur biex jiksbu b'suċċess dan iċ-ċertifikat.

Jekk il-persuna tonqos milli tippreżenta evidenza li għaddiet il-kors b'suċċess u attendiet sal-aħħar tal-perjodu ta' prova (jiġifieri tnax-il (12) xahar mill-ingaġġ), awtomatikament tintilef il-kariga msemmija hawn fuq.

U

iii. a. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta (fil-Livell 4 tal-MQF), f'Accountancy jew Business Management

employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

ii. able to communicate in the Maltese and English languages. Candidates who do not possess an MQF Level 1 in the Maltese language must attend and be successful in the assessment of the 'Maltese Language 1' course, offered by the Institute for the Public Services. Attendance for such course, together with the attainment of MQF Level 1, are to be completed before confirmation of appointment, i.e. within six (6) months from engagement. Therefore, officers engaged who would not have obtained this certification within the probationary period of six (6) months will be given a one time extension of their probationary period for a period of six (6) months to successfully obtain this certification.

Failure to present evidence of successful pass and attendance by the end of probationary period (i.e. twelve (12) months from engagement) will result in automatic termination of the post in caption.

AND

iii. a. in possession of a recognised Diploma (MQF Level 4) in Accountancy or Business Management or Business

jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew ACCA jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli;

JEW

b. (b) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVETS jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003) f'Accountancy jew Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew ACCA jew kwalifika professjonali komparabbli u rikonoxxuta;

JEW

c. (c) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fl-Accounting) u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fil-Pure Mathematics), jew kwalifika rikonoxxuta u komparabbli. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (Diploma jew żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli), fl-oqsma indikati fil-4.1 (iii) (a) u (c) jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-ħatra, dawk appuntanti jridu jintrabtu li jlestu b'suċċess kwalifika rikonoxxuta f'qasam relatat fil-Livell 5 tal-MQF, f'perjodu ta' mhux aktar tard minn sentejn (2), biex jipprogressaw għal Skala ta' Salarju 11, fejn fil-każ li dan ma jseħħx, il-ħatra tiġi mneħħija. Mal-akkwist ta' kwalifika rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF kif indikat f'paragrafu 4.1 (iii)(b) f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager (Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija kif indikat fil-paragrafu 4.1 (iii) formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Administration or Economics or Banking and Finance or ACCA or a recognised comparable qualification;

OR

b. in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVETS credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Accountancy or Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or ACCA or a recognised comparable professional qualification;

OR

c. (c) in possession of two (2) subjects at Advanced level (one of which must include a pass in Accounting) and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (one of which must include a pass in Pure Mathematics), or a recognised comparable qualification. Public Officers applying for the post must be confirmed in their current appointment.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4 (Diploma or two (2) subjects at Advanced level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation level, or a recognised comparable qualification) in the areas highlighted in 4.1 (iii) (a) and (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). On appointment, appointees will bind themselves to successfully complete a recognised qualification in a related area at MQF Level 5, in not more than two (2) years, to progress to Salary Scale 11, in failure of which they would relinquish their appointment. Upon possession of a relevant MQF Level 5 as indicated in paragraph 4.1 (iii) (b) in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other progressions shall be in accordance with the provisions enshrined in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Uffiċċju tar-Recruitment fi ħdan id-Direttorat tal-People Management, Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, f'format PDF, li għandhom ikunu mibgħuta permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn,

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 till 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Recruitment Section at the People Management Directorate, Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/ Certificate of Conduct as applicable, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date for the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 23rd December, 2019. A computer-generated

23 ta' Diċembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat tal-People Management, Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Blokk A, Triq Francesco Buonamici, Il-Furjana FRN 1700. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

L-indirizz elettroniku tad-direttorat huwa (recruitment.mtip@gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

Post ta' Senior Manager (Community Services) fil-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Manager (Community Services) fil-

email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from People Management Directorate, Ministry for Transport, Infrastructure and Capital Projects, Block A, Triq Francesco Buonamici, Floriana FRN 1700. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The email address of the receiving Directorate is (recruitment.mtip@gov.mt).

6th December, 2019

MINISTRY FOR THE FAMILY, CHILDREN'S RIGHTS AND SOCIAL SOLIDARITY

Post of Senior Manager (Community Services) in the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity invites applications for the post of Senior Manager (Community Services) in

Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjeta' Soċjali.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati iridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra,

2.3 Is-salarju ta' Senior Manager (Community Services) huwa ta' Skala ta' Salarju 5, li fl-2019 huwa ta' €27,538 fis-sena, li jiżdied b'€640.67 fis-sena sa massimu ta' €31,382.

2.4 Il-kandidati magħżula jkunu wkoll intitolati għall-ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas- salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.5 Ġaladarba jiġi appuntat għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, il-kandidat maħtur jiġi rikjest biex jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni oħra li attwalment il-proċess tagħha fi ħdan is-Servizz Pubbliku jkun għadu għaddej u li dakinhar tad-data tal-ħatra jkun għadu pendenti, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjoniet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.6 Applikazzjonijiet laterali minn Uffiċjali Pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

2.7 Mhux ser ikun possibbli li jintalab transfer qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni tagħhom, suġġett għad-disponibbiltà ta' postijiet vakanti u l-eżiġenzi tal-management.

a. Il-kandidati magħżula iridu jservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn, bla ebda preġudizzju għas-sejħiet tal-applikazzjonijiet tas-SAAC (li tinkludi wkoll l-Assistenti Diretturi).

2.8 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

the Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Senior Manager (Community Services) is Salary Scale 5, which in year 2019 is €27,538 per annum, rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €31,382.

2.4 Selected candidates will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of his/her basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.5 On being appointed, a successful candidate would be requested to renounce to other applications currently in process within the Public Service which is/are pending at the time of this appointment, without prejudice to SAAC calls (including Assistant Directors).

2.6 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade/position being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

2.7 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in accordance with their area of specialization, subject to availability of vacancies and the exigencies of management.

a. Successful candidates are to serve in this post for a minimum of two (2) years, without prejudice to applications for SAAC calls (including Assistant Directors).

2.8 The result will be valid for a period of two (2) years from date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Senior Manager (Community Services) jinkludu li:

i. Tipprovdi sapport lill-Kap Eżekuttiv (Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità);

ii. Tipprovdi direzzjoni, tikordina, tiżviluppa u tmexxi servizzi bbażati fil-komunità għall-anzjani u l-persuni b'diżabbiltà;

iii. Tipprovdi lill-Kap Eżekuttiv (Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità) analiżi, pariri, rakkomandazzjonijiet u sapport dwar is-settur tal-kura fil-komunità;

iv. Twettaq riċerka u tħejji abbozzi ta' policies kif applikabbli fir-rigward tal-kura ta' persuni anzjani li joqogħdu fil-komunità;

v. Tikkordina x-xogħol tas-sezzjonijiet prinċipali tas-servizzi fil-komunità fi ħdan id-Dipartiment;

vi. Dmirijiet oħra kif delegati mil-Kap Eżekuttiv tad-Dipartiment għall-Anzjanita' Attiva u Kura fil-Komunitàu s-Segretarju Permanenti; u

vii. Dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet marbuta ma' dan il-post jistgħu jinkisbu online permezz tar-Recruitment Portal.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma'

Duties

3. The duties of Senior Manager (Community Services) include:

i. Providing support to the Chief Executive Officer;

ii. Directing, coordinating, developing and leading community based services for older persons and persons with disabilities;

iii. Providing the Chief Executive Officer (Active Ageing and Community Care) with analysis, advice, recommendations and support on the sector;

iv. Conducting research and preparing draft policies as applicable in relation to the care of older persons residing in the community;

v. Co-ordinate the work of the main sections of community services within the Department;

vi. Any other duties as may be delegated by the Chief Executive Officer (Active Ageing and Community Care) and the Permanent Secretary; and

vii. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary

Further details of the job description of the post may be accessed online through the Recruitment Portal.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty

persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom kwalifika ta' Masters rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward korsijiet li bdew minn Ottubru 2008), fil-Ġerontologija u Ġerjatrija, Management Studies, Quality Assurance Management, Xjenza Soċjali, Amministrazzjoni Pubblika jew kwalifika professjonali komparabbli;

U

iv. ikollhom ħames (5) snin esperjenza maniġerjali rilevanti fi Skala 7 jew komparabbli. Esperjenza oħra maniġerjali li l-impjegat jista' jkollu tista' tiġi kkunsidrata mill-Amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun ippruvata b'evidenza rilevanti.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati

provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. Must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Gerentology and Geriatrics, Management Studies, Quality Assurance Management, Social Sciences, Public Administration or a comparable professional qualification;

AND

iv. with five (5) years' management experience in Salary Scale 7 or comparable. Any other Managerial experience the employee may possess may be considered by the Administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the qualifications as indicated in paragraph 4.1 (iii) will still be considered, provided that they submit evidence

għall-għoti tal-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 4.1 iii) jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtoritàoħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100 % u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur tas-Servizzi Korporatti fil-Ministeru

that they have obtained the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the aforementioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience .

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for the

għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.1 Applikanti jingħataw sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa żewġ (2) ġranet tax-xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar; biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mild-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, 38, Triq l-Ordinanza, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.family.gov.mt) u (recruitment.mfcs@gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Family, Children's Rights and Social Solidarity, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 23rd December, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.1 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Ministry for the Family, Children's Rights and Social Solidarity, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://family.gov.mt) and (recruitment.mfcs@gov.mt).

6th December, 2019

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Konsulent Pedjatra b'Interess Speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete, fid- Dipartiment taċ-Child and Adolescent Health, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete fid-Dipartiment tac-Child and Adolescent Health, fl-Isptar Mater Dei , fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent Pedjatra b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2019 huwa €35,251 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Diajabete tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tac-Child and Adolescent Health.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Konsulent Pedjatra b'interess speċjali fl- Endokrinoloġija u d-Dijabete jinkludu fost l-oħrajn li:

i. tkun parti mid-Dipartiment u tkun direttament responsabbli lejn iċ-Chairperson Kliniku;

ii. tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità skont l-istandards ta' kwalità tal-professjoni;

iii. tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, tattendi regolarment għal-laqgħat kliniċi u tieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalità u verifika;

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant Pediatrician, with Special Interest in Paediatric Endocrinology and Diabetes in the Department of Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the post of Consultant Paediatrician with special interest in Endocrinology and Diabetes in the Department of Child and Adolescent Health at Mater Dei Hospital, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant Paedciatrician with special interest in Endocrinology and Diabetes is Salary Scale 4, which in the year 2019 is equivalent to, €35,251 per annum.

2.3 The Consultant Paediatrician with special interest in Endocrinology and Diabetes shall report to the Clinical Chairperson, Department of Child and Adolescent Health.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

Duties

3.1 The duties of Consultant Paediatrician with special interest in Endocrinology and Diabetes include amongst others:

i. forming part of the Department and be directly accountable to the Clinical Chairperson;

ii. providing all clinical care within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession;

iii. taking part in the activities of the Department, participating in its teaching and research programmes, attending regularly at clinical meetings and partaking in the process of quality assurance and audit;

iv. tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut taħt Skema Nazzjonali tas-Saħħa komprensiva;

v. iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-pedjatrija, endokrinoloġija u dijabete pedjatrika kliniċi/ medikali u tieħu sehem f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm lokalment kif ukoll barra. Persuna maħtura tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet kollha rilevanti;

vi. tipparteċipa fil-ħidma tad-Dipartiment hekk kif assenjat miċ-Chairperson Kliniku;

vii. tikkollabora ma' u tagħti pariri lil membri oħra tal-impjegati mediċi, u tal-allied health dwar materji li jappartjenu għall-ispeċjalità;

viii. tkun involuta fis-superviżjoni ta' junior staff, flimkien ma' persunal ieħor lokali jew barrani fuq żjara u taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rispett tagħhom;

ix. tkun kommessa għal tagħlim formali regolari ta' qabel il-gradwazzjoni fejn dan ġie maqbul bejn il-Konsulent u l-impjegat/a b'konsultazzjoni mad-Dean rilevanti, kif rifless fil-pjan ta' ħidma u tkun involuta fi programm kontinwu ta' riċerka;

x. twaqqaf mekkaniżmi xierqa biex tiżgura kwalità tas-servizzi u ta' verifika medika, u tista' tkun meħtieġa tkun parti mill-bordijiet tal-għażla;

xi. tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-eżiġenzi tas-servizz meta tkun on call;

xii. taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti u firms eżistenti. Il-persuna maħtura għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw lill-pazjenti taħt il-kura tagħha huma tal-ogħla livell possibbli;

xiii. tkopri għas-sessjonijiet ta' filgħodu, ta' waranofsinhar u ta' filgħaxija fuq bażi ta' roster;

xiv. tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz ta' on call barra l-ħin normali;

xv. tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xvi. twettaq dmirjiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

iv. providing specialised services in other hospitals and/ or health centres in accordance with approved programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme;

v. keeping abreast with the current developments in the field of medical/clinical paediatrics and paediatric endocrinology and diabetes and participating in postgraduate meetings locally and abroad. He/she will be required to involve himself/herself in the ongoing education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of all relevant facilities;

vi. participating in the work of the Department as assigned by the Clinical Chairperson;

vii. liaising with and advising other members of the medical and allied health on matters pertaining to the specialty;

viii. being involved in the supervision of junior staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and ensuring the implementation of a continuous training and education programme in their respect;

ix. being committed to regular formal undergraduate teaching where this has been agreed between a Consultant and his/her employer in consultation with the relevant Dean, as reflected in job plan and being involved in ongoing research programme;

x. establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit, and may be required to be part of selection boards;

xi. being required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service when on call;

xii. sharing resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

xiii. providing cover for morning, afternoon and evening sessions on a roster basis;

xiv. may be required to provide an on call service outside normal hours;

xv. making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

xvi. carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary;

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li tista' tiġi kkuntattjata wkoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Further details of the job description may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the healthcare services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu wkoll:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-**Pedjatrija u tal-Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika** miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; **jew**

ii. ikunu approvati għall-inklużjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-**Pedjatrija u tal-Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika** miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; **jew**

iii. a. ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għall-**Pedjatrija u għall-Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika**; **jew**

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-**Pedjatrija U fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika**, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; **jew**

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l- kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-**Pedjatrija u fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika**.

4.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu aktar minn hekk ikollhom sentejn (2) esperjenza full-time bħala Speċjalist fil-**Pedjatrija u** fl-**Endokrinoloġija u d-Dijabete Pedjatrika**. Qed ikun hawnhekk ikkjarifikat li l-esperjenza bħala speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzjoni ekwivalenti maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed ikun ikkjarifikat ukoll li l-esperjenza mwettqa fuq bażi part-time jew fi kwalunkwe każ fuq bażi ta' inqas minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa, tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

4.4 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

ii. proficient in the Maltese and English languages;

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of **Paediatrics AND** that of **Paediatric Endocrinology and Diabetes** kept by the Medical Council of Malta; **or**

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of **Paediatrics AND** that of **Paediatric Endocrinology and Diabetes** kept by the Medical Council of Malta; **or**

iii. a. in possession of a Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for **Paediatrics AND** that of **Paediatric Endocrinology and Diabetes; or**

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for **Paediatrics AND CCST** for **Paediatric Endocrinology and Diabetes**, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; **or**

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/ experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in **Paediatrics AND** in **Paediatric Endocrinology and Diabetes**.

4.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two (2) years full- time experience as a Specialist in **Paediatrics AND** in **Paediatric Endocrinology and Diabetes**. It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than forty (40) hours per week, is reckoned on a pro-rata-basis.

4.4 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ ta' Speċjalist (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

7. **Parti III – Intervista**

7.1 Il-Parti III titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-intervista hija intiża sabiex jiġi żgurat li l-applikant huwa adattat għas-servizz tal-militar. L-applikanti huma mitluba li jġibu minimu ta' 150 punt sabiex ikomplu jiġu kkunsidrati. Ir-riżultat huwa finali.

7.2 Applikanti li ma jgħaddux mill-intervista ma jingħatawx punti għall-kwalifiki addizzjonali.

7.3 Il-punti għall-kwalifiki addizzjonali se jiġu allokati kif ġej:

MQF livell 4 – 15-il punt kull suġġett
MQF livell 3 – 10 punti kull suġġett
MQF livell 2 – 5 punti kull suġġett (ħlief għall-core subjects)

7.4 Ir-riżultati tal-Intervista u tat-Test Militari jiġu ppubblikati fuq in-notice board tal-Forzi Armati ta' Malta.

7.5 Bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kwalifiki msemmija f'paragrafi 7.6 u 7.7 hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), liema talba għandha tiġi sottomessa online 'Application for the Recognition of Qualifications' fis-sit (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

7.6 Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent skont il-paragrafu 7.5 hawn fuq, fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' tal-NCFHE li tista' tiġi aċċessata

6.4 Each paper carries a maximum of 100 marks, whilst the pass mark in any of the papers is 50 marks.

6.5 Part II shall be held as follows:

Maltese: Tuesday, 18 February, 2020
English: Wednesday, 19 February, 2020
Mathematics: Thursday, 20 February, 2020

6.6 Results pertaining to the Written Examination shall be published and displayed on the Department of Examinations' noticeboard. Applicants may request a revision of paper/s not later than 10 working days from the date of publication of results, according to conditions established by the Department of Examinations which will be communicated in due course.

7. **Part III – Interview**

7.1 Part III will be conducted by the Armed Forces of Malta. The interview is designed to assess an applicant's suitability for military service. Applicants are required to obtain a minimum of 150 points to be considered further. The result is final.

7.2 In the event of failure in the interview, no points will be allocated for additional qualifications.

7.3 Points for additional qualifications will be allocated as shown hereunder:

MQF level 4 – 15 points per subject
MQF level 3 – 10 points per subject
MQF level 2 – 5 points per subject (except for core subjects)

7.4 Results pertaining to the Interview and Military Test shall be published and displayed on the Armed Forces of Malta noticeboard.

7.5 With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 7.6 and 7.7 hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

7.6 Prior to requesting recognition statements as per paragraph 7.5 above in respect of their qualifications, applicants should first consult the 'List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions' of the NCFHE which can be accessed from (http://ncfhe.gov.mt/en/register/

minn (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif imsemmi f'paragrafu 7.6 jekk huma jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

7.7 Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin self-accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS; jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikati jingħad hekk: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF ___'.

7.8 Fil-każ ta' kwalifiki mhux koperti b'paragrafi 7.6 u 7.7, l-applikanti jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif deskritt f'paragrafu 7.5. L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli u, fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta' Għażla.

8. **Parti IV – Test Militari**

Din il-parti tal-Proċess ta' Għażla għandha tagħti lill-applikanti kampjun tat-taħriġ tal-Armata biex tgħinhom jiddeterminaw jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti jkunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji ta' natura militari.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess ta' Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari, għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess ta' Għażla.

9. **Parti V – Eżami Mediku**

9.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwiex medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

9.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali

Pages/register.aspx). Applicants are exempt from submitting a recognition statement as mentioned in paragraph 7.6 if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

7.7 No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF ___'.

7.8 In the case of qualifications not covered by paragraphs 7.6 and 7.7, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 7.5. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

8. **Part IV – Military Test**

This part of the Selection Process shall give applicants a sample of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of exercises of a military nature.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the Selection Process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour which would constitute a military offence because considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

9. **Part V – Medical Examination**

9.1 Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to the Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by the applicants. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

9.2 Applicants give their consent to the AFM Medical

Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern u privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta kif xieraq.

10. **Karattru Morali**

10.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu, fl-applikazzjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

10.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jħallsu l-pagament dovut sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-Pulizija mal-applikazzjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazzjoni. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

10.3 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM.

10.4 L-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-FAM, jew minn xi korp dixxiplinat ieħor.

11. **Ingaġġ**

11.1 Il-kandidati li jintgħażlu se jiġu ingaġġati sabiex jimlew il-postijiet vakanti bħala Rekluti Gunner u jkunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perijodu ta' mhux aktar minn 5 xhur. Rekluti jistgħu jiġu maħlula mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

11.2 Ir-rekluti li jlestu dan il-kors ta' taħriġ bażiku jiġu kkonfermati fir-rank ta' Gunner u jiġu impjegati fit-taqsimiet differenti tal-FAM skont l-eżiġenzi tas-Servizz.

11.3. Ir-rekluti jitpoġġew fuq skala 16 fejn jibdew b'salarju ta' €13,530 fis-sena. Wara sentejn ta' servizz jiġu riskalati għal skala 15 u sussegwentament għal skala 14 wara erba' snin ta' servizz. Dawk li jiġu ingaġġati jistgħu jkunu wkoll eliġibbli għal allowance tal-Forzi Armati ta' Malta ta' €48.23 kull erba' ġimgħat.

12. **Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

12.1 Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jew direttament mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt)

Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

10. **Moral Character**

10.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

10.2 Applicants are to apply at the Police General Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the Police to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

10.3 Vetting will be in accordance with AFM policies.

10.4 The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined force.

11. **Enlistment**

11.1 Successful candidates shall be enlisted to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of 5 months maximum duration. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve the required standards.

11.2 Recruits who successfully complete the basic training course will be confirmed in the rank of Gunner in the AFM and shall be posted to various Units according to the exigencies of the Service.

11.3 Recruits will be placed on salary scale 16 with an initial salary of €13,530 per annum. They will proceed to salary scale 15 after two years of service and to salary scale 14 after four years of service. The enlisted persons may also become entitled to an Armed Forces of Malta allowance of €48.23 every four weeks.

12. **Submission of Applications**

12.1 Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, or directly from the AFM website (www.afm.gov.mt) as well as on

kif ukoll mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) minn nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2019.

12.2. Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu ppreżentati personalment bejn nhar it-Tnejn, 6 u nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020, f'Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana:

Mit-Tnejn sas-Sibt: mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u nhar ta' Erbgħa mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m.

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

Iċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m.sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

Trid tiġi ppreżentata wkoll il-karta tal-identità valida jew dokument validu ieħor li jiċċertifika l-identità tal-applikant.

12.3 L-applikanti għandhom jippreżentaw mal-applikazzjoni:

a. ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

b. irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-Pulizija għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali (Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati);

c. kopji taċ-ċertifikati mitluba u dikjarazzjoni tal-MQF fejn applikabbli;

d. dritt ta' ħlas ta' €9.30; il-ħlas isir biss permezz ta' credit card jew ċekk.

12.4 Id-dokumenti oriġinali u d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikati għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

12.5. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12.6. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess ta' Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

the Department of Examinations website (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) from Monday, 9th December, 2019.

12.2 Application forms should be handed in personally between Monday 6th, and Friday, 17th January, 2020, at Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana:

From Monday to Saturday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and Wednesday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 4.30 p.m. till 7.00 p.m.

Department of Examinations, The Mall, Triq Sarria, Floriana:

From Monday to Friday from 8.00 a.m. till noon and from 1.30 p.m. till 4.00 p.m.

Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo:

Monday to Friday between 8.00 a.m till noon. and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

A valid ID card or another valid document that certifies the identity of the applicant must be presented.

12.3 Together with the application form, applicants must produce:

a. a colour passport sized photograph;

b. receipt (dated after the publication of this call) issued by the Police on application for issue of criminal record Fedina Penali (conduct certificates are not accepted);

c. copies of requested certificates including MQF statement where applicable;

d. an examination fee of €9.30; payment is accepted only by means of credit card or cheque.

12.4 Original documents, recognition statements and/or certificates are to be invariably produced during the interview.

12.5 Late applications will not be considered.

12.6 The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12.7 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess ta' Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-proċess. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess ta' Għażla.

12.8 Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Sejħa għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

Suldat Regolari bi Sfond Tekniku u Mużiċisti

1. Id-Direttur tal-Eżamijiet jistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' suldati bi sfond tekniku u mużiċisti sabiex iservu bħala suldati kif ukoll biex jaħdmu fl-ispeċjalizzazzjoni tagħhom, kif ingaġġati, fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

2. L-applikanti:

a. għandhom ikunu ċittadini Maltin;

b. għandhom ikunu għalqu t-tmintax-il (18) sena sad-data tal-għeluq tal-applikazzjoni iżda ma jkunux għalqu t-tletin (30) sena sal-31 ta' Diċembru, 2020;

c għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

d. għandhom ikunu twal tal-anqas 1.57m fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli pparagunat mat-tul;

e. m'għandhomx ikollhom tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem;

f. (i) ikollhom ċertifikati fil-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u l-Matematika f'Livell 2 tal-MQF (b'minimu ta' Grad E jew 7, jew livell komparabbli);

jew

(ii) ikollhom kwalifika rikonoxxuta f'livell minimu ta' MQF 2, jew Secondary School Certificate and Profiling Qualification f'Livell 2 tal-MQF, li ngħata mhux qabel l-2015. Fiż-żewġ każijiet, il-komponenti tal-lingwa Ingliża,

12.7 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

12.8 Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

6th December, 2019

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Call for Enlistment of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

Regular Soldier with Technical Background and Musicians

1. The Director of Examinations invites applications for the enlistment of soldiers having a technical background and musicians to serve as soldiers and to work in their specialisation, as enlisted, in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

Eligibility Requirements

2. Applicants must:

a. be Maltese citizens;

b. be eighteen (18) years of age by closing date of application and not have reached the age of thirty (30) by 31st December, 2020;

c. be of good moral character;

d. be not less than the minimum height required, i.e. 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

e. not have excessive tattoos, but definitely not on face and neck or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body;

f. (i) be in possession of a pass in English language, Maltese language and Mathematics at MQF Level 2 (at least at Grade E or 7, or a comparable level);

or

(ii) be in possession of a recognised qualification at MQF Level 2, or a Secondary School Certificate and Profiling qualification at MQF Level 2, awarded not earlier than 2015. In both cases, components in English language,

tal-lingwa Maltija u tal-Matematika għandhom ikunu inklużi bħala core subjects.

jew

(iii) jgħaddu b'suċċess fl-eżami tal-kitba fis-suġġett/i mitluba (il-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u l-Matematika) li jitmexxew mid-Direttur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali bħala parti minn dan il-Proċess ta' Għażla. Dawk l-applikanti li jkunu laħqu b'suċċess il-kriterji minimi tal-eżamijiet tal-kitba li kienu parti minn sejħiet preċedenti maħruġa mhux qabel l-2013 (MGG 19,144 datata s-27 ta' Settembru, 2013) għall-ingaġġ ta' suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), jiġu eżentati milli joqogħdu għall-eżami.

g. (i) Ikollhom BTEC/MCAST diploma (Livell 3 tal-MQF jew ogħla) jew ekwivalenti minn istituzzjoni rikonoxxuta f'waħda mis-snajja' msemmija hawn taħt:

Automotive maintenance and repair
Automotive Repair
Construction and Stone Masonry
Welding and Fabrication
Plastering, tile laying, painting and decorating
Electrical and Electronics Engineering
Refrigeration and Air-conditioning
Electrical Installation
Building Services Installations
Joinery and Furniture Making
Mechanical Engineering (Plant)
Food Preparation and Culinary Arts
Aircraft Maintenance Category A
Vehicle Mechanics
Auto Electricians
Plumber and Pipe Fitter
Aircraft Maintenance Category B
Engineer Marine
Tailors

JEW

(ii) Ikunu mużikalment proficjenti f'wieħed jew iktar mill-istrumenti li ġejjin:

Flutes
Oboe
Bassoon
E flat Clarinets
Clarinets
French Horns
Piano
Lead Guitar
Bass Guitar
Singer

Maltese language and Mathematics must be included as core subjects.

or

(iii) be successful in a written examination in the required subject/s (English language, Maltese language and Mathematics) which shall be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations as part of this Selection Process. Applicants who have successfully fulfilled the minimum criteria of the written examinations forming part of previous calls issued not earlier than 2013 (MGG 19,144 dated 27th September, 2013) for enlistment of soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) will be exempted from sitting for this examination.

g.(i) be in possession of a BTEC/MCAST diploma (MQF Level 3 or higher) or an equivalent qualification from a recognised institution in one of the trades listed below:

Automotive maintenance and repair
Automotive Repair
Construction and Stone Masonry
Welding and Fabrication
Plastering, tile laying, painting and decorating
Electrical and Electronics Engineering
Refrigeration and Air-conditioning
Electrical Installation
Building Services Installations
Joinery and Furniture Making
Mechanical Engineering (Plant)
Food Preparation and Culinary Arts
Aircraft Maintenance Category A
Vehicle Mechanics
Auto Electricians
Plumber and Pipe Fitter
Aircraft Maintenance Category B
Engineer Marine
Tailors

OR

(ii) be musically proficient in one or more of the following instruments:

Flutes
Oboe
Bassoon
E flat Clarinets
Clarinets
French Horns
Piano
Lead Guitar
Bass Guitar
Singer

3. Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għal skopijiet ta' eliġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw is-suġġetti mitluba.

4. **Proċess ta' Għażla**

4.1. Il-Proċess ta' Għażla jikkonsisti fi:

Parti I – Eżami tal-Effiċjenza Fiżika
Parti II – Eżami tal-Kitba (skont para. 2(f) (iii))
Parti III – Intervista
Part IV – Test Militari
Parti V – Eżami Mediku

Partijiet I, III u IV jsiru fl-istess jum. L-applikanti jingħataw informazzjoni rilevanti iktar 'il quddiem.

4.2 Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess ta' Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

4.3 Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess ta' Għażla u jiġu annullati r-riżultati tagħhom.

4.4 Il-postijiet vakanti ta' din is-sejħa jimtlew skont l-ordni finali tal-mertu li jappartjeni għal din is-sejħa. L-ordni finali tal-mertu jibqa' validu sa tmien xhur minn meta jiġi ppubblikat ir-riżultat finali. L-ordni finali tal-mertu, li jappartjeni għal din is-sejħa, ikun determinat mit-total tal-punti miksuba fil-Proċess ta' Għażla kif ġej:

Parti I – Eżami tal-Effiċjenza Fiżika (Punti: Massimu 300, Minimu 150);

Parti III – Intervista (Punti: Massimu 300, Minimu 150). Massimu ta' 100 punt addizzjonali jistgħu jingħataw għall-kwalifiki addizzjonali, basta l-applikanti jiksbu minimu ta' 150 marka fl-Intervista).

4.5 Il-lista tal-applikanti li jkunu eliġibbli, skont paragrafu 2(f)(i) u (ii), għall-Parti III – Intervista, tiġi ppubblikata fuq in-notice board tad-Dipartiment tal-Eżamijiet, flimkien mar-riżultat ta' Parti II – Eżami tal-Kitba.

5. **Parti I – Eżami tal-Effiċjenza Fiżika**

5.1 Parti I tal-Proċess ta' Għażla se titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-applikanti jiġu mkejla għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'paragrafu 2 ta' din is-sejħa. L-applikanti jkunu meħtieġa jgħaddu minn Test ta' Effiċjenza Fiżika biex jiġi żgurat li jkunu fiżikament f'saħħithom skont l-istandards tal-Forza Regolari.

3. Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

4. **Selection Process**

4.1 The Selection Process consists of:

Part I – Physical Efficiency Test
Part II – Written Examination (as per para. 2(f)(iii))
Part III – Interview
Part IV – Military test
Part V – Medical Examination

Parts I, III and IV shall be held on the same day. Applicants shall be provided with the relevant information in due course.

4.2 Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

4.3 Applicants who at any time are found not to fulfil the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process and shall have their results annulled.

4.4 Vacancies for this call will be filled in accordance with the final order of merit pertaining to this call. The validity of the final order of merit will expire after eight months from publication of the final result. The final order of merit, pertaining to this call, will be determined by the total points gained in the Selection Process as follows:

Part I – Physical Efficiency Test (Points: Maximum 300, Minimum 150);

Part III – Interview (Points: Maximum 300, Minimum 15. An additional maximum 100 points may be given for additional qualifications, provided that applicants obtain a minimum of 150 marks in the Interview).

4.5 The list of applicants eligible, as per paragraph 2(f) (i) and (ii), for Part III – Interview, shall be published on the Department of Examinations notice board, together with the result of Part II – Written Examination.

5. **Part I – Physical Efficiency Test**

5.1 Part I of the Selection Process will be conducted by the Armed Forces of Malta. Applicants will be checked for height in order to ensure that they meet the requirements stipulated in paragraph 2 of this call. Applicants shall be required to pass a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Regular Force standards.

5.2 I-istandards minimi huma kif ġej:

a. 1 mile run - mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

b. Push-ups - mhux inqas minn 30 darba fil-każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti;

ċ. Sit-ups - mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil- każ tan-nisa f'ħin ta' 2 minuti.

5.3 L-applikanti jridu tal-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li għaddew mill-Eżami tal-Effiċjenza Fiżika.

5.4 L-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 mile run jew il-push-ups jew is-sit-ups, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal re-sit ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien mhux inqas minn għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test komplut, iżda xorta ma jkunux intitolati għal iżjed mill-marka minima ta' 150, irrispettivament mill-marki miksubin fit-testijiet l-oħra.

5.5 Ir-riżultati tal-Eżami ta' Parti I jkunu ppubblikati fuq in-notice board tal-Forzi Armati ta' Malta.

6. **Parti II – Eżami tal-Kitba**

6.1 Punti miksuba f'din il-Parti ma jiġux ikkunsidrati fl-ordni finali tal-mertu.

6.2. Parti II tal-Proċess ta' Għażla titmexxa mid-Direttur tal-Eżamijiet u mill-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Applikanti li m'għandhomx il-kwalifiki speċifikati f'paragrafu 2(f)(i) u/jew (ii) u/jew huma konformi parzjalment mar-rekwiżiti minimi tal-eżami tal-kitba f'sejħiet preċedenti skont paragrafu 2(f)(iii), għandhom joqogħdu għall-eżami tal-kitba fis-suġġetti rikjesti (il-lingwa Ingliża, u/jew il-lingwa Maltija u/jew il-Matematika). L-eżami jkun multiple choice. Kull karta tal-eżami għandha tul ta' siegħa. Non-scientific calculators jistgħu jintużaw waqt l-eżami. Eżempji tal-karti tal-eżami jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

6.3 Parti II hija intiża biex turi li l-applikanti għandhom Livell MQF2 fil-lingwa Ingliża, il-lingwa Maltija u l-Matematika, li huwa kumparabbli tipikament mas-Sillabi ta' Form II/III, u li jistgħu jiġu aċċessati mis-sit elettroniku (https://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Year-8/Pages/default.aspx) u (https://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Year-9-to-11/Pages/default.aspx).

6.4 Kull karta tal-eżami ġġorr massimu ta' 100 marka. Il-pass mark f'kull karta hija ta' 50 marka.

5.2 The minimum standards are as follows:

a. 1 mile run - not more than 8 minutes and 30 seconds for males, and 10 minutes and 18 seconds for females;

b. Push-ups - not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

c. Sit-ups - not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

5.3 Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test.

5.4 Applicants who fail in one feat only, i.e. either the 1 mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-sit that one particular event not less than 10 days following the first complete test, but if successful in such re-sit will only be entitled to the minimum pass mark of 150, regardless of the scores obtained in the other feats.

5.5 Results pertaining to Part I shall be published and displayed on the Armed Forces of Malta notice board.

6. **Part II – Written Exam**

6.1. Marks obtained in this Part will not be taken into consideration in the final order of merit.

6.2 Part II of the Selection Process will be conducted by the Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations. Applicants who are not in possession of the qualifications specified in paragraph 2(f)(i) and/or (ii) and/or are in partial compliance with minimum requirements of written examinations of previous calls as per paragraph 2(f)(iii), have to sit for a written examination in the required subject/s (English language and/or Maltese language and/or Mathematics). The exam shall be in multiple choice format. Each examination paper shall be of a one-hour duration. Non-scientific calculators are allowed during the examination. Sample examination papers can be viewed by accessing the following link (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

6.3 Part II is intended to demonstrate that applicants have an MQF Level 2 in English language, Maltese language, and Mathematics, which may be typically comparable to Form II/III syllabi which can be viewed by accessing the following links (https://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Year-8/Pages/default.aspx) and (https://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Year-9-to-11/Pages/default.aspx).

6.4 Each paper carries a maximum of 100 marks, whilst the pass mark in any of the papers is 50 marks.

6.5 Il-Parti II issir kif ġej:

Malti: It-Tlieta, 18 ta' Frar, 2020
Ingliż: L-Erbgħa, 19 ta' Frar, 2020
Matematika: Il-Ħamis, 20 ta' Frar, 2020

6.6 Ir-riżultati tal-Eżamijiet tal-Kitba jiġu ppubblikati fuq in-notice board tad-Dipartiment tal-Eżamijiet. L-applikanti jistgħu jitolbu reviżjoni tal-karta/i mhux iktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultati, skont il-kundizzjonijiet stipulati mid-Dipartiment tal-Eżamijiet li jiġu komunikati iktar 'il quddiem.

7. **Parti III – Intervista**

7.1 Parti III titmexxa mill-Forzi Armati ta' Malta. L-intervista hija intiża sabiex jiġi żgurat li l-applikant huwa adattat għas-servizz tal-militar. L-applikanti huma mitluba li jġibu minimu ta' 150 punt sabiex ikomplu jiġu kkunsidrati. Ir-riżultat huwa finali.

7.2 L-applikanti li ma jgħaddux fl-intervista ma jingħatawx punti għall-kwalifiki addizzjonali.

7.3 Il-punti għall-kwalifiki addizzjonali se jiġu allokati kif ġej:

MQF livell 4 – 15-il punt kull suġġett
MQF livell 3 – 10 punti kull suġġett
MQF livell 2 – 5 punti kull suġġett (ħlief għall-core subjects)

7.4 Ir-riżultati tal-Intervista u tat-Test Militari jiġu ppubblikati fuq in-notice board tal-Forzi Armati ta' Malta.

7.5 Bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kwalifiki msemmija f'paragrafi 7.6 u 7.7 hawn taħt, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), fi ħdan in-National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), liema talba għandha tiġi sottomessa online 'Application for the Recognition of Qualifications' fis-sit (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Tali dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

7.6 Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent skont il-paragrafu 7.5 hawn fuq, fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions" tal-NCFHE li tista' tiġi aċċessata minn (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif imsemmi f'paragrafu 7.6 jekk huma

6.5 Part II shall be held as follows:

Maltese: Tuesday, 18th February, 2020
English: Wednesday, 19th February, 2020
Mathematics: Thursday, 20th February, 2020

6.6 Results pertaining to the Written Examination shall be published and displayed on the Department of Examinations notice board. Applicants may request a revision of paper/s by not later than 10 working days from the date of publication of results, according to the conditions established by the Department of Examinations which will be communicated in due course.

7. **Part III – Interview**

7.1 Part III will be conducted by the Armed Forces of Malta. The interview is designed to assess an applicant's suitability for military service. Applicants are required to obtain a minimum of 150 points to be considered further. The result is final.

7.2 In the event of failure in the interview, no points will be allocated for additional qualifications.

7.3 Points for additional qualifications will be allocated as shown hereunder:

MQF level 4 – 15 points per subject
MQF level 3 – 10 points per subject
MQF level 2 – 5 points per subject (except for core subjects)

7.4 Results pertaining to the Interview and Military Test shall be published and displayed on the Armed Forces of Malta notice board.

7.5 With the exception of those qualifications referred to in paragraphs 7.6 and 7.7 hereunder, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the National Commission for Further and Higher Education (NCFHE), which is to be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' at (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx). Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

7.6 Prior to requesting recognition statements as per paragraph 7.5 above in respect of their qualifications, applicants should first consult the "List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions" of the NCFHE which can be accessed from (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx). Applicants are exempt from submitting a recognition statement as mentioned in paragraph 7.6 if they are presenting qualifications listed therein. A print of

jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

7.7 Tista' ma tiġix ippreżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC fir-rigward ta' kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self accrediting bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u l-ITS; jew xi kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikati jingħad hekk: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF ___'.

7.8 Fil-każ ta' kwalifiki mhux koperti b'paragrafi 7.6 u 7.7, l-applikanti jridu jissottomettu d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif deskritt f'paragrafu 7.5. L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli, u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC fil-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport ta' ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta' Għażla.

7.9 Dawk li japplikaw bħala mużiċisti jkunu soġġetti għal udjenzi bi prova sabiex jiddeterminaw jekk il-livell ta' profiċjenza mużikali tagħhom hux ta' livell meħtieġ għall-inklużjoni fil-Banda tal-FAM. Ir-riżultat huwa finali.

8. **Part IV – Test Militari**

Din il-parti tal-Proċess ta' Għażla għandha tagħti lill-applikanti kampjun tat-taħriġ tal-Armata biex tgħinhom jiddeterminaw jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti jkunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji ta' natura militari.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess ta' Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari, għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess ta' Għażla.

9. **Parti V – Eżami Mediku**

9.1 L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Il-ġudizzju tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwiex medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

such list including the qualification is to be presented by the applicant.

7.7 No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self-accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF ___'.

7.8 In the case of qualifications not covered by paragraphs 7.6 and 7.7, applicants are to submit the recognition statement as described in paragraph 7.5. Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

7.9 Those applying as musicians shall be subject to auditions to determine if their level of musical proficiency is up to the standard required for inclusion in the AFM Band. The result is final.

8. **Part IV – Military Test**

This part of the Selection Process shall give applicants a sample of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of exercises of a military nature.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the selection process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour which would constitute a military offence because considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

9. **Part V – Medical Examination**

9.1 The applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force standards. Further information on the Regular Force standards would be made available upon formal request by applicants. The AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

9.2 L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern u privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta kif xieraq.

10. **Karattru Morali**

10.1 L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. L-applikanti jagħtu, fl-applikazzjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

10.2 L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jħallsu l-pagament dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-Pulizija mal-applikazzjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazzjoni. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jitqisux validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

10.3 Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM.

10.4 Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' xi kandidat li jkun għadda mill-Proċess ta' Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali li mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-FAM, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

11. **Ingaġġ**

11.1 Il-kandidati li jintgħażlu se jiġu ingaġġati sabiex jimlew postijiet vakanti bħala Rekluti Gunner u jkunu jridu jagħmlu taħriġ bażiku għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 xhur. Ir-Rekluti jistgħu jiġu maħlula mis-Servizz jekk ma jilħqux il-livell meħtieġ.

11.2 Rekluti li jlestu l-kors ta' taħriġ bażiku jiġu kkonfermati fir-rank ta' Gunner fil-FAM. Ladarba jiġu kkonfermati, l-applikanti li jingaġġaw taħt it-termini ta' din is-sejħa jiġu impjegati, fis-sengħa tagħhom, għal perjodu ta' mhux inqas minn sitt snin, fid-diversi Units tal-FAM, skont l-eżiġenzi tas-servizz. Wara li jgħaddi l-perjodu ta' sitt snin, jistgħu jiġu assenjati f'Units oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz.

11.3. Ir-Rekluti jitpoġġew fuq skala 16 fejn jibdew b'salarju ta' €13,530 fis-sena. Wara sentejn ta' servizz jiġu riskalati għal skala 15 u sussegwentament għal skala 14 wara erba' snin ta' servizz. Dawk li jiġu ingaġġati jistgħu jkunu wkoll eliġibbli għal allowance tal-Forzi Armati ta' Malta ta' €48.23 kull erba' ġimgħat.

9.2 Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

10. **Moral Character**

10.1 Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

10.2 Applicants are to apply at the Police General Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the Police to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

10.3 Vetting will be in accordance with AFM policies.

10.4 The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful candidate who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

11. **Enlistment**

11.1 Successful candidates shall be enlisted to fill vacancies as Gunner Recruits and will be required to undergo a basic training course of 5 months maximum duration. Recruits may be discharged from the Service should they fail to achieve the required standards.

11.2 Recruits who successfully complete the basic training course shall be confirmed in the rank of Gunner in the AFM. Once confirmed, applicants enlisting under the terms of this call shall be employed, in their trade, for a period of not less than six years, in the various Units of the AFM, in accordance with the exigencies of the Service. After the six year period elapses, they may be posted to other Units subject to the exigencies of the Service.

11.3 Recruits will be placed on salary scale 16 with an initial salary of €13,530 per annum. They will proceed to salary scale 15 after two years of service and to salary scale 14 after four years of service. The enlisted persons may also become entitled to an Armed Forces of Malta allowance of €48.23 every four weeks.

12. **Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

12.1 Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jew direttament minn fuq is-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt) kif ukoll mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) minn nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2019.

12.2. Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu ppreżentati personalment bejn nhar it-Tnejn, 6 u nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020, f'Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana:

Mit-Tnejn sas-Sibt: mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u nhar ta' Erbgħa mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m.

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, Il-Furjana:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

Iċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

Trid tiġi ppreżentata wkoll il-karta tal-identità valida jew dokument validu ieħor li jiċċertifika l-identità tal-applikant.

12.3 L-applikanti għandhom jippreżentaw mal-applikazzjoni:

a. ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

b. irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mill-Pulizija għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali (ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati);

ċ. kopji taċ-ċertifikati mitluba u dikjarazzjoni tal-MQF fejn applikabbli;

d. dritt ta' ħlas ta' €9.30; il-ħlas isir biss permezz ta' credit card jew ċekk.

12.4 Id-dokumenti oriġinali u d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent u/jew iċ-ċertifikati għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

12.5. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12.6. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom is-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li

12. **Submission of Application**s

12.1 Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, or directly from the AFM website (www.afm.gov.mt) as well as on the Department of Examinations website (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) from Monday, 9th December, 2019.

12.2 Application forms should be handed in personally between Monday, 6th and Friday, 17th January, 2020, at Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana:

From Monday to Saturday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and Wednesday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 4.30 p.m. till 7.00 p.m.

Department of Examinations, The Mall, Triq Sarria, Floriana:

From Monday to Friday from 8.00 a.m. till noon and from 1.30 p.m. till 4.00 p.m.

Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo:

Monday to Friday between 8.00 a.m till noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

A valid ID card or another valid document that certifies the identity of the applicant must be presented.

12.3 Together with the application form, applicants must produce:

a. a colour passport sized photograph;

b. receipt (dated after the publication of this call) issued by Police on application for issue of criminal record Fedina Penali (conduct certificates are not accepted);

c. copies of requested certificates including MQF statement where applicable;

d. an examination fee of €9.30; payment is accepted only by means of credit card or cheque.

12.4 Original documents, recognition statements and/or certificates are to be invariably produced during the interview.

12.5 Late applications will not be considered.

12.6 The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal

jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess ta' Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tal-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

12.7 Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar il-Proċess ta' Għażla jekk tinstab xi irregolarità dwar dan il-Proċess ta' Għażla. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar il-proċess kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-Proċess ta' Għażla.

12.8 Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

FORZI ARMATI TA' MALTA

Sejħa għall-Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

1. Il-Forzi Armati ta' Malta tistieden applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta':

a. Uffiċjali Kadetti;
b. Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar;
c. Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru,

għal ingaġġ inizjali ta' tnax-il xahar fil-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

2. L-applikanti:

għandhom ikunu ċittadini Maltin;

għandhom ikunu medikament b'saħħithom biex jaqdu d-dmirijiet skont il-livell tal-Forza Regolari. Dan jinkludi li ma jkunux iqsar minn 1.57m. fil-każ tal-irġiel u 1.52m fil-każ tan-nisa u ta' piż aċċettabbli paragunat mat-tul;

għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb;

għandhom ikunu għalqu t-18-il sena sad-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u ma jkunux għalqu t-30 sena sal-31 ta' Dicembru, 2020;

ma jkollhomx tattoos eċċessivi, imma żgur mhux fuq il-wiċċ u l-għonq jew tattoos li huma offensivi, estremisti, indiċenti jew razzisti fuq partijiet oħra tal-ġisem.

3. L-applikanti għandhom:

jekk japplikaw għall-kariġa ta' Uffiċjali Kadetti, ikollhom passes f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tas-SEC/

summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

12.7 The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the Selection Process if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole process even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the Selection Process.

12.8 Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

6th December, 2019

ARMED FORCES OF MALTA

Call for Enlistment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force)

1. The Armed Forces of Malta invites applications for the enlistment of:

a. Officer Cadets;
b. Sea going Officer Cadets;
c. Air Pilot Officer Cadets,

on an initial twelve month engagement in the Regular Force of the Armed Forces of Malta.

2. Applicants must:

be citizens of Malta;

be medically fit for duty to Regular Force Standards. This includes a minimum height requirement of 1.57m for males and 1.52m for females and of acceptable body weight in proportion to height;

be of good moral character;

be 18 years of age by closing date of applications and not having attained the age of 30 by 31st December, 2020;

not sport excessive tattoos, but definitely not on face and neck or tattoos that are offensive, extremist, indecent or racist on any part of the body.

3. Applicants must:

if applying for the posts of Officer Cadets, be in possession of passes in six subjects at Ordinary Level of the SEC/

General Certificate of Education jew kwalifiki ekwivalenti rikonoxxuti (l-inqas Grad 5/C/MQF 3 jew aħjar). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett ieħor tax-Xjenza (Physics, Chemistry, Biology u Computer Studies) ikollhom passes f'żewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/General Certificate of Education (l-inqas Grad C jew aħjar) jew kwalifiki li huma komparabbli u rikonoxxuti jew VET Diploma;

jekk japplikaw għall-kariġa ta' Uffiċjali Kadetti biex iservu fuq il-baħar, ikollhom passes f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tas-SEC/General Certificate of Education jew kwalifiki ekwivalenti rikonoxxuti (l-inqas Grad 5/C/MQF 3 jew aħjar). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett ieħor tax-Xjenza (Physics, Chemistry, Biology jew Computer Studies); ikunu temmew b'suċċess kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal inkarigat fin-Navigational Watch jew kors li jiċċertifika lill-individwu bħala Uffiċjal Inkarigat fl-Engineering Watch maħruġ mill-Istitut Marittimu tal-MCAST;

jekk japplikaw għall-kariġa ta' Uffiċjali Kadetti Piloti tal-Ajru, ikollhom passes f'sitt suġġetti f'Livell Ordinarju tas-SEC/General Certificate of Education jew kwalifiki ekwivalenti rikonoxxuti (l-inqas Grad 5/C/MQF 3 jew aħjar). Dawn is-sitt suġġetti jridu jinkludu l-Malti, il-lingwa Ingliża, il-Matematika u suġġett ieħor tax-Xjenza (Physics, Chemistry, Biology jew Computer Studies) ikollhom passes f'żewġ suġġetti f'Livell Avvanzat fil-Matrikola/General Certificate of Education (l-inqas Grad C jew aħjar) jew kwalifiki li huma komparabbli u rikonoxxuti jew VET Diploma; ikollhom Commercial Pilot Licence.

L-applikanti li jkunu qed jistennew il-pubblikazzjoni ta' riżultati ta' xi kwalifika msemmija hawn fuq xorta jistgħu japplikaw proviżorjament iżda jkunu meħtieġa jippreżentaw iċ-ċertifikati neċessarji sad-data tal-intervista.

4. Il-proċess ta' għażla se jikkonsisti fi:

Parti I – Test ta' Effiċjenza Fiżika
Parti II – Psychometric Test
Parti III – Test Militari
Parti IV – Intervista
Parti V – Eżami Mediku

L-applikanti jingħataw informazzjoni dwar kif se jseħħ il-Proċess ta' Għażla iktar 'il quddiem.

Ir-riżultati jkunu ppubblikati fuq in-notice board tal-Forzi Armati ta' Malta.

Applikanti li f'xi ħin jinstabu li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti mniżżlin f'paragrafu 2 ma jitħallewx ikomplu l-Proċess tal-Għażla jew jiġu mħassra r-riżultati tagħhom.

General Certificate of Education or recognised comparable qualifications (minimum Grade 5/C/MQF 3 or better). These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and one other science subject (Physics, Chemistry, Biology and Computer Studies); be in possession of passes in two subjects at Advanced Level in the Matriculation/General Certificate of Education (minimum Grade C or better) or recognised comparable qualifications or VET Diploma;

if applying for the posts of Sea going Officer Cadets, be in possession of passes in six subjects at Ordinary Level of the SEC/General Certificate of Education or recognised comparable qualifications (minimum Grade 5/C/MQF 3 or better). These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and one other science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies); have successfully completed the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of a Navigational Watch or the course leading to Certification as an Officer-in-Charge of an Engineering Watch at the MCAST Maritime Institute;

if applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets, be in possession of passes in six subjects at Ordinary Level of the SEC/General Certificate of Education or recognised comparable qualifications (minimum Grade 5/C/MQF 3 or better). These six subjects must include Maltese, English Language, Mathematics and one other science subject (Physics, Chemistry, Biology or Computer Studies); be in possession of passes in two subjects at Advanced Level in the Matriculation/General Certificate of Education (minimum Grade C or better) or recognised comparable qualifications or VET Diploma; be in possession of a Commercial Pilot Licence.

Applicants who are waiting for the publication of results of any of the qualifications indicated above may still apply provisionally but will have to present their required certificates by the date of the interview.

4. The selection process shall consist of:

Part I – Fitness Efficiency Test
Part II – Psychometric Test
Part III – Military Test
Part IV – Interview
Part V – Medical examination

Applicants shall be provided with relevant information on the conduct of the Selection Process in due course.

Results shall be published and displayed on the Armed Forces of Malta notice board.

Applicants who at any time are found not to fulfill the requirements laid out in paragraph 2 shall not be allowed to proceed with the Selection Process or shall have their results annulled.

Parti I – Eżami ta' Effiċjenza Fiżika

5. Primarjament l-applikanti jkunu ċċekkjati għat-tul sabiex jiġi żgurat li jilħqu l-ħtiġiet stipulati f'para. 2 ta' din is-sejħa.

6. Il-livell minimu li jrid jintlaħaq f'kull wieħed mit-tliet testijiet ta' effiċjenza fiżika hu kif jidher hawn taħt:

1 mile run - mhux aktar minn 8 minuti u 30 sekonda fil-każ tal-irġiel u 10 minuti u 18-il sekonda fil-każ tan-nisa;

Push-ups - mhux anqas minn 30 darba fil- każ tal-irġiel u 11-il darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti;

Sit-ups - mhux anqas minn 37 darba fil-każ tal-irġiel u 35 darba fil-każ tan-nisa f'ħin ta' mhux iktar minn 2 minuti.

7. L-applikanti jridu mill-anqas jilħqu l-istandard minimu f'kull test fiżiku biex jitqiesu li kisbu pass fl-Eżami tal-Effiċjenza Fiżika, iżda l-applikanti li ma jgħaddux minn wieħed mit-testijiet fiżiċi, jew il-1 mile run jew il-push ups jew is-sit-ups, ikunu jistgħu jerġgħu jagħmlu r-re-sit ta' dak it-test wieħed partikolari, fi żmien għaxart (10) ijiem wara li jkun sar l-ewwel test.

Parti II – Psychometric Test

8. L-applikanti jkollhom joqogħdu għal psychometric test sabiex tkun assessjata l-adegwatezza tagħhom biex iservu bħala Fizzjal bil-Kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Iktar informazzjoni fuq is-psychometric test tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti.

Parti III – Test Militari

9. Dan il-parti tal-Proċess ta' Għażla għandu jagħti lill-applikanti indikazzjoni tat-taħriġ tal-armata biex tgħinhom jiddeċiedu jekk humiex tajbin għall-ħajja u d-dixxiplina militari. L-applikanti ikunu meħtieġa jattendu numru ta' eżerċizzji militari ta' team building.

L-applikanti li, għal xi raġuni, ma jtemmux b'suċċess din il-parti għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla. L-applikanti li juru, lejn il-persunal jew applikanti oħra, kwalunkwe forma ta' mġiba li tikkostitwixxi reat militari minħabba li meqjusa għad-detriment tal-bon ordni u d-dixxiplina militari għandhom jitqiesu li weħlu mill-Proċess tal-Għażla.

Parti IV – Intervista

10. Il-applikanti jiġu assessjati mill-Bord tal-Għażla biex jiġi żgurat li huma adegwati sabiex iservu bħala Fizzjal bil-kummissjoni fil-Forzi Armati ta' Malta. Il-marki jingħataw kif ġej:

Part I – Fitness Efficiency Test

5. Applicants will be checked for height to ensure that they meet the requirements stipulated in para. 2 of this call.

6. The minimum standards to be reached in each of the fitness tests are as follows:

1 mile run - not more than 8 minutes 30 seconds for males and 10 minutes 18 seconds for females;

Push-ups - not less than 30 repetitions for males and 11 repetitions for females in a timed period of 2 minutes;

Sit-ups - not less than 37 repetitions for males and 35 repetitions for females in a timed period of 2 minutes.

7. Applicants must at least attain the minimum standard in each physical test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test, but applicants who fail in one feat only. i.e. either the 1-mile run or the push-ups or the sit-ups, will be allowed to re-sit that one particular event, ten (10) days following the first complete test.

Part II – Psychometric Test

8. Applicants will be required to sit for a psychometric test to assess the candidate's suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Further information on the Psychometric Test would be made available upon formal request by applicants.

Part III – Military Test

9. This part of the Selection Process shall give applicants a sample of army training to help them determine if they are suitable for military life and discipline. Applicants shall be required to attend a number of military team building exercises.

Applicants who fail, for any reason, to complete this part shall be deemed to have failed the selection process. Applicants who display, towards directing staff or other applicants, any form of behaviour, which would constitute a military offence because considered detrimental to good order and military discipline, shall be deemed to have failed the Selection Process.

Part IV – Interview

10. Applicants will be assessed by a Selection Board to assess their suitability to serve as a Commissioned Officer in the Armed Forces of Malta. Marks will be allocated as follows:

Marka Massima

Kwalifiki Akkademiċi 80
Intervista (min. 75) 150
Lecturette (min.35) 70
Massimu: 300

Il-kanditati huma meħtieġa biex jagħtu lecturette ta' ħames (5) minuti dwar suġġett tal-għażla tagħhom. Waqt il-lecturette, l-applikanti jistgħu jużaw mezzi bħal Power Point biex tgħinhom jagħtu l-lecturette. L-applikanti jridu jiksbu l-istandard minimu fl-Intervista u fil-lecturette sabiex jitqiesu li għaddew minn din il-parti tas-selezzjoni.

Parti V – Eżami Mediku

11. L-applikanti jiġu eżaminati medikament biex jiġi żgurat li huma b'saħħithom għall-impjieg skont l-istandards tal-Forzi Regolari. Iktar informazzjoni fuq l-istandards tal-Forzi Regolari tingħata fuq talba uffiċjali mill-applikanti. Applikanti għall-kariġa ta' Uffiċjal Kadett Pilota jkollhom jissodisfaw ukoll il-livelli mediċi rekwiżiti tal-avjazzjoni kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Fil-każijiet kollha, l-assessjar tal-Uffiċjali Mediċi tal-FAM dwar jekk kull applikant huwiex medikament b'saħħtu biex iservi fil-Forzi Armati ta' Malta jkun finali u konklussiv.

L-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom lill-Uffiċjali Mediċi tal-FAM biex f'kull ħin sakemm ikunu għadhom fis-servizz, dawn ikunu jistgħu jitolbu dokumenti mediċi personali minn kwalunkwe sptar tal-Gvern jew privat. Kwalunkwe irregolarità u/jew diskrepanza tista' tiġi rreferita mill-imsemmijin Uffiċjali Mediċi lill-Uffiċjali tal-Forzi Armati kif xieraq.

12. L-Ordni tal-Mertu, għal dawk l-applikanti li għaddew mill-partijiet kollha tal-proċess ta' għażla, jiġi stabbilit skont it-total ta' marki miksuba fit-Parti III – Intervista.

13. Applikanti li, għal kwalunkwe raġuni, jonqsu milli jattendu jew itemmu xi parti mill-Proċess tal-Għażla jiġu kkunsidrati li rtiraw l-applikazzjoni tagħhom.

14. Ir-riżultat tal-proċess tal-għażla jibqa' validu għal tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni uffiċjali tiegħu fuq in-notice board tal-Forzi Armati ta' Malta.

Karattru Morali

15. L-applikanti għandhom ikunu ta' karattru morali tajjeb. l-applikanti jagħtu, fl-applikazzjoni, il-kunsens tagħhom lill-Pulizija ta' Malta u aġenziji rilevanti oħra biex jipprovdu lill-FAM ir-rekord kriminali tagħhom.

Maximum Mark

Academic Qualifications 80
Interview (min. 75) 150
Lecturette (min. 35) 70
Maximum: 300

Applicants shall be required to deliver a five (5) minute long lecturette on a subject of their choice. During the lecturette, applicants may use their choice of lecture aids, such as Power Point presentation. Applicants must attain the minimum standard in both the Interview and the Lecturette to be considered as having gained an overall pass in this phase of the selection process.

Part V – Medical Examination

11. Applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post according to Regular Force Standards. Further information on the Regular Force Standards would be made available upon formal request by applicants. Applicants applying for the posts of Air Pilot Officer Cadets will, in addition, be required to also satisfy both national and international medical aviation standards. In all cases, the AFM Medical Officers' assessment of each applicant's medical fitness to serve in the Armed Forces of Malta will be final and conclusive.

Applicants give their consent to the AFM Medical Officers to retrieve, at any point in time until they have been officially discharged from the service, personal medical records from any Government and Private hospital. Any irregularity and/or discrepancy can be transmitted, by the said Medical Officers, to the appropriate Officers in the Armed Forces of Malta.

12. The Order of Merit, for those applicants who are successful in all parts of the selection process, will be established according to the total marks obtained in Part III – Interview.

13. Applicants who, for any reason, fail to attend or complete any part of the Selection Process will be considered to have withdrawn their application.

14. The result of the selection process will be valid for a period of three months from the date of its official publication on the notice board of the Armed Forces of Malta.

Moral Character

15. Applicants shall be of good moral character. Applicants shall, in the application form, give their consent to the Malta Police and other relevant agencies to provide the AFM with their criminal records.

L-applikanti għandhom japplikaw fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u jħallsu l-pagament dovut, sabiex ir-reġistru sħiħ tal-kundanni kriminali (Fedina Penali) jiġi mogħti lill-FAM għal raġunijiet ta' verifika. L-applikanti għandhom jehmżu l-irċevuta maħruġa mill-Pulizija meta jkunu applikaw għar-reġistru tal-kundanni mal-applikazzjoni u jiktbu n-numru tal-irċevuta fl-applikazzjoni. Applikazzjonijiet mingħajr dan li ġie mitlub ma jiġux ikkunsidrati validi. Ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati.

Applicants are to apply at the Police Headquarters and pay the applicable fee so that the complete record of criminal convictions (Fedina Penali) is made available to the AFM for vetting purposes. Applicants are to attach the receipt issued by the Police upon application for the record of criminal conviction to the application form and include the receipt number in the application form. Applications submitted without this requirement shall not be deemed valid. Conduct certificates are not accepted.

Il-verifika tkun skont il-policies tal-FAM. Il-FAM iżommu d-dritt li jannullaw ir-riżultat ta' applikant li jkun għadda mill-Proċess tal-Għażla, jekk f'xi ħin jinstab li għandu rekord kriminali mhux aċċettabbli, jew inkella jkun tkeċċa mill-Forzi Armati, jew minn xi Korp dixxiplinat ieħor.

Applicants shall be vetted in accordance with AFM policies. The AFM reserves the right to annul the result of the Selection Process of any successful applicant who at any time is found to have an unacceptable criminal record or has been dismissed from the AFM or any disciplined Force.

Applikazzjoni

16. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinġabru mill-AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, jew direttament m is-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt) kif ukoll mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Eżamijiet (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) minn nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2019.

Application

16. Application forms may be collected from the AFM Recruiting Office, Luqa Barracks, Ħal Luqa, or directly from the AFM website (www.afm.gov.mt) as well as on the Department of Examinations website (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/) from Monday, 9th December, 2019.

17. Il-formoli tal-applikazzjoni għandhom ikunu ppreżentati personalment bejn nhar it-Tnejn, 6 u nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020, f'Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana:

17. Application forms should be handed in personally between Monday, 6th and Friday, 17th January, 2020, at Edu servizz.gov, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana:

Mit-Tnejn sas-Sibt: mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u nhar ta' Erbgħa mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. u mill-4.30 p.m. sas-7.00 p.m.

From Monday to Saturday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and Wednesday from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. and from 4.30 p.m. till 7.00 p.m.

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Mall, Triq Sarria, il-Furjana:

Department of Examinations, The Mall, Triq Sarria, Floriana:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

From Monday to Friday from 8.00 a.m. till noon and from 1.30 p.m. till 4.00 p.m.

Iċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex:

Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

Monday to Friday between 8.00 a.m till noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

Għandha tiġi ppreżentata wkoll il-karta tal-identità valida jew dokument validu ieħor li jiċċertifika l-identità tal-applikant.

A valid ID card or another valid document that certifies the identity of the applicant must be presented.

18. Mal-applikazzjoni l-applikanti għandhom jippreżentaw:

18. With the application form applicants must produce:

ritratt tad-daqs tal-passaport bil-kulur;

a colour passport sized photograph;

kopji taċ-ċertifikati mitluba u d-dikjarazzjoni tal-MQF fejn applikabbli;

Service and Leave Record Form - GP47 (applikanti mis-Servizz Pubbliku Malti);

irċevuta (datata wara l-pubblikazzjoni ta' din is-sejħa) maħruġa mil-Pulizija għall-ħruġ tar-reġistru tal-kundanni Fedina Penali (ċertifikati tal-kondotta mhumiex aċċettati);

dritt ta' ħlas ta' €9.30, ħlas isir biss permezz ta' credit card jew ċekk.

19. Id-dokumenti oriġinali, id-dokumenti ta' identifikazzjoni, iċ-ċertifikati u/jew ittri ta' rakkomandazzjoni għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew għall-verifika mal-applikazzjoni kif ukoll waqt l-intervista.

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom ċertifikati maħruġa minn entitajiet edukativi li mhumiex "self accrediting", li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent MQF dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC), liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Ċertifikati sottomessi mingħajr dak mitlub ma jiġux meqjusa.

Id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent hawn fuq imsemmija tista' tinkiseb billi l-persuna li qed tapplika tissottometti b'mod online 'Applikazzjoni għar-Rikonoxximent ta' Kwalifiki' fis-sit (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx).

Qabel ma jintalbu d-dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom, l-applikanti għandhom l-ewwel jikkonsultaw mal-List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions tal-NCFHE li tista' tiġi aċċessata mis-sit (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx).

L-applikanti huma eżentati milli jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent jekk huma jippreżentaw il-kwalifiki elenkati fil-lista. Kopja stampata tat-tali lista li tinkludi l-kwalifika għandha tiġi ppreżentata mill-applikant.

Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn instituzzjonijiet Maltin li huma self accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Institute of Tourism Studies (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-NCFHE, li fuq iċ-ċertifikat jingħad 'Il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF _____'.

copies of requested certificates including MQF statement where applicable;

Service and Leave Record Form - GP47 (applicants from the Malta Public Service);

receipt (dated after the publication of this call) issued by the Police on application for issue of criminal record Fedina Penali (conduct certificates are not accepted);

a fee of €9.30, payment is accepted only by means of credit card or cheque.

19. Original documents, identification documents, certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification when submitting the application form and during the interview.

It is the responsibility of the applicants in possession of qualifications awarded by educational institutions which are not "self-accrediting providers", to produce an MQF recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the designated authority, which statement should be attached to the application and the originals presented at the interview. Certificates submitted without this requirement shall not be considered.

The abovementioned recognition statement may be obtained by submitting an online 'Application for the Recognition of Qualifications' (https://services.ncfhe.gov.mt/CertificationApplication.aspx).

Prior to requesting recognition statements in respect of their qualifications, applicants should first consult the List of Accredited Courses Offered by Licensed Institutions of the NCFHE which can be accessed from (http://ncfhe.gov.mt/en/register/Pages/register.aspx).

Applicants are exempt from submitting a recognition statement if they are presenting qualifications listed therein. A print of such list including the qualification is to be presented by the applicant.

No recognition statement by MQRIC is required in respect of qualifications issued by Maltese self accrediting institutions, these being the University of Malta, MCAST and ITS; or any Maltese qualification that has been accredited by the NCFHE, which on the certificates states: 'The National Commission for Further and Higher Education deems this certificate to be MQF ___'.

L-applikanti li ma jkollhomx tali dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat li qed jilqa' l-applikazzjonijiet malli din tkun disponibbli, u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard mid-data tal-intervista. L-applikanti jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju waqt li għadhom qed jistennew l-ekwivalenza tal-MQRIC għall-kwalifika/i tagħhom. Jekk ir-rapport tal-ekwivalenza jkun fin-negattiv jew ma jiġix ippreżentat sal-ġurnata tal-intervista, dawn l-applikanti jiġu skwalifikati mill-Proċess ta' Għażla.

20. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

21. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali u l-FAM ikollhom s-setgħa, fil-partijiet rispettivi tagħhom, li jittrattaw sommarjament ma' kull applikant li, waqt li jkun qiegħed isir il-Proċess tal-Għażla, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw lill-applikanti.

22. Il-FAM iżomm id-dritt li jħassar il-proċess tal-għażla jekk tinstab irregolarità dwar dan il-proċess. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu wkoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar parti waħda biss jew stadju partikolari tal-proċess ta' għażla.

Ingaġġ

23. L-applikanti li jgħaddu jiġu ingaġġati bħala Uffiċjali Kadetti għal perjodu inizjali ta' taħriġ ta' tnax-il xahar u mħallsa Salarju ta' Skala 12 (€17,576). It-taħriġ militari ma jista' jkun interrott għall-ebda raguni. Dawk li jkunu ingaġġati jistgħu jkunu meħtieġa jagħmlu perjodu ta' taħriġ barra minn Malta. Dawk li ma jilħqux il-livell neċessarju matul il-perjodu ta' taħriġ jistgħu jitkeċċew.

Mal-ingaġġ, il-kadetti jkun jeħtiġilhom jgħaddu mill-proċess ta' Security Clearance sabiex jiksbu National Security Clearance Certificate fil-livell meħtieġ. L-applikanti li ma jgħaddux minn dan il-proċess jiġu maħlula mis-Servizz.

24. Il-kadetti li jispiċċaw dan il-perjodu ta' taħriġ b'suċċess, fi tmiem l-ingaġġ ta' tnax-il xahar, jingħataw kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant (Skala 9, €21,252, b'żidiet annwali ta' €447.33 sa €23,936) għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Wara li jiskadi dan il-perjodu u suġġett għal prestazzjoni sodisfaċenti, l-Uffiċjali Kummissjunati jiġu promossi għar-rank ta' Logutenent (Skala 8, €22,645 b'żidiet annwali ta' €486.83 sa €25,566). Il-kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant u wara fir-rank ta' Logutenent, tista' tkun marbuta mat-tkomplija b'suċċess ta' kors twil barra minn Malta.

25. Uffiċjali Kummissjonati jkunu marbuta li jservu fil-Forza Regolari għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet

Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available, and, in any case, by not later than the date of the interview. Applicants may be assessed provisionally whilst still awaiting MQRIC equivalence of their qualification/s. Should the equivalence report be in the negative or not presented by not later than the date of the interview, such applicants will be disqualified from the Selection Process.

20. Late applications will not be considered.

21. The Board of Local Public Examinations and the AFM shall, in their respective parts, have the power to deal summarily with any applicant who, while the Selection Process is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of applicants.

22. The AFM reserves the right to annul the selection process if any irregularity is detected in connection herewith. Such annulment may be in respect of the whole selection process even if the detected irregularity is in respect of only one area or a particular stage of the selection process.

Enlistment

23. Successful applicants will be enlisted as Officer Cadets for an initial twelve-month training period and be paid in Salary Scale 12 (€17,576). Military training cannot be interrupted for any reason, cadets who interrupt their military training may be discharged from the force. Those enlisted may be required to undergo a long period of training abroad. Failure to meet the required standards at any point during the training period may lead to discharge.

On enlistment, cadets will be required to undergo a Security Clearance process to obtain a National Security Clearance Certificate at the required level. Applicants failing this process will be dismissed from the Force.

24. On successful completion of their twelve-month training period, cadets will be commissioned in the rank of Second Lieutenant (Scale 9, €21,252 rising by annual increments of €447.33 to €23,936) for a period of eighteen months. On the expiry of this period and subject to satisfactory performance, the Commissioned Officers will then be promoted to the rank of Lieutenant (Scale 8, €22,645 rising by annual increments of €486.83 to €25,566). The commission in the rank of Second Lieutenant and subsequent promotion to the rank of Lieutenant may be tied to successful completion of long courses abroad.

25. Commissioned Officers will be bound to serve in the Regular Force for a minimum period of three years from

snin mid-data ta' meta jingħataw il-kummissjoni. Wieħed għandu jinnota wkoll li, skont ir-Regolamenti preżenti tal-Forzi Armati ta' Malta, uffiċjali u suldati li jattendu kors ta' taħrig barra minn Malta jistgħu jkunu meħtieġa li jagħmlu perjodu ta' servizz mandatorju, wara li jkunu temmew it-taħriġ tagħhom.

26. Uffiċjali kadetti u Uffiċjali li għal xi raġuni jonqsu li jtemmu xi wieħed mill-perjodi ta' servizz mandatorju msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' hawn fuq, jistgħu jkun u mġiegħla jirrifondu lill-Gvern ta' Malta l-ispejjeż kollha li jkun ħallas il-Gvern, kemm fit-taħriġ bażiku fl-ewwel sena kif ukoll għal taħriġ barra minn Malta, fuq bażi prorata.

27. Aktar informazzjoni fuq l-FAM tista tinkiseb mis-sit elettroniku tal-FAM (www.afm.gov.mt).

Is-6 ta' Diċembru, 2019

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza

Manager (Policy and Training)
(Numru tal-permess tal-Jobsplus: 232/2019)

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija fi Skala ta' Salarju 6 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

Il-Manager (Policy and Training) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha:

a) Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008), f'Diplomazija, Antropoloġija, Azzjoni Umanitarja, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti

JEW

b) Kwalifika ta' Bachelors rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), f'Antropoloġija, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Humanities, Social Policy, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

the date of their commission. It should also be noted that, in terms of current Armed Forces of Malta Regulations, officers and soldiers who undertake overseas training may be required to serve for a period of mandatory service, following the completion of their training.

26 Officer cadets and Officers who fail to complete any of the mandatory periods of service referred to in previous paragraphs may be required to refund to the Government of Malta all the expenses incurred by the Government both during the first year of basic training and during overseas training, on a pro rata basis.

27. Further information on the AFM can be found on the AFM website (www.afm.gov.mt).

6th December, 2019

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Vacancy

Manager (Policy and Training)
(Jobsplus Permit No: 232/2019)

This post within the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) is pegged to Public Service Salary Scale 6. The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Manager (Policy and Training) must be in possession of:

a) a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Diplomacy, Anthropology, Humanitarian Action, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Public Policy, Gender Studies, Law, Communications, European Studies or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience

OR

b) a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Anthropology, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Humanities, Social Policy, Communications, Law, European Studies or a comparable professional qualification plus four (4) years relevant work experience.

Il-kandidati għandu jkollhom ukoll kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, u jkunu kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (www.equality.gov.mt)

Is-6 ta' Diċembru, 2019

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the A/Executive Director by not later than Monday, 23rd December, 2019. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Email: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

6th December, 2019

KUNSILL LOKALI L-FURJANA

Post ta' Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill Lokali l-Furjana jinforma li l-post ta' Segretarju Eżekuttiv huwa vakanti.

Il-persuni eliġibbli biex jimlew il-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv (Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali u persuni li jkunu kkwalifikaw bħala Segretarji Eżekuttivi Prospettivi) jistgħu japplikaw permezz tal-applikazzjoni li titniżżel mis-sit elettroniku tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) u indirizzata:

Is-Sindku (Vakanza Segretarju Eżekuttiv)
Kunsill Lokali l-Furjana
15 Pjazza E. S. Tonna
Il-Furjana FRN1483

L-applikazzjoni tista' tintbagħat bil-posta jew titwassal fil-Kunsill f'envelop issiġillat sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 20 ta' Diċembru, 2019.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jkunux ikkunsidrati.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

FLORIANA LOCAL COUNCIL

Post of Executive Secretary

The Floriana Local Council notifies that the post of Executive Secretary is vacant.

Eligible persons (Executive Secretaries serving within Local Councils and Regional Committees and persons who have qualified as Prospective Executive Secretaries) may apply on the relevant application form which can be downloaded from the site of the Department of Local Government (http://localgovernment.gov.mt/en/DLG/Department%20for%20Local%20Government/Pages/Careers.aspx) and addressed to:

The Mayor (Vacancy Executive Secretary)
Floriana Local Council
15 Pjazza E. S. Tonna
Floriana FRN1483

Applications may be sent by post or delivered at the above address in a sealed envelope by noon of Friday, 20th December, 2019.

Late applications will not be considered.

6th December, 2019

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

AQA/EDEXCEL Londra Mejju/Ġunju 2020 Eżamijiet

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li applikazzjonijiet għall-Eżamijiet tal-AQA/EDEXCEL Londra

EXAMINATIONS DEPARTMENT

AQA/EDEXCEL London May/June 2020 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that applications will be accepted for the AQA/Edexcel London

Mejju/Ġunju 2020 jintlaqgħu nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2020, sal-Ġimgħa, 17 ta' Jannar, 2020.

Access Arrangements se jitfħu mit-Tnejn, 6 ta' Jannar, 2020, sal-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2020, filwaqt li tibdiliet/kanċellazzjonijiet oħra se jiftħu nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020, sal-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2020, mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m. kif ġej:

Kandidati f'Malta:
Dipartiment tal-Eżamijiet
Il-Mall
Triq Sarria
Il-Furjana

Kandidati f'Għawdex:
Ċentru tal-Eżamijiet
Ir-Rabat
Għawdex

Dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment tal-Eżamijiet, Il-Furjana.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

May/June 2020 Examinations on Monday, 6th January, 2020 till Friday, 17th January, 2020.

Access Arrangements will be open from Monday, 6th January, 2020, till Wednesday, 22nd January, 2020, while any other changes/cancellations in applications will be open from Monday, 20th January, 2020, till Wednesday, 22nd January, 2020, from 8.00 a.m till noon and from 1.30 p.m. till 4.00 p.m. as follows:

Malta Candidates:
Examinations Department
The Mall
Triq Sarria
Floriana

Gozo Candidates:
Gozo Examinations Centre
Victoria
Gozo

Details may be obtained from the Examinations Department, Floriana.

6th December, 2019

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut

Ordni Nru. 10

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 tal-Istatut ta' "Koperattiva Malta Bus Ltd" ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fid-19 ta' Novembru, 2019, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Paul Debono
Chairman
Bord tal-Koperattivi

Id-19 ta' Novembru, 2019
CB 34/79/146

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule in Statute

Order No. 10

It is hereby notified that rule number 2 of the Statute of "Malta Bus Coop Ltd" has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 19th November, 2019, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Paul Debono
Chairman
Co-operatives Board

19th November, 2019

KORPORAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TAL-ILMA

Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma flimkien mal-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarrfu illi huwa projbit parkeġġ fuq il-linji sofor temporanji fis-service road fi Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara, il-ġurnata kollha sat-30 ta' Jannar, 2020.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

WATER SERVICES CORPORATION

The Water Services Corporation together with the Birkirkara Local Council notify that the stopping of vehicles on the temporary double yellow lines through the service road in Triq il-Wied tal-Imsida, Birkirkara is prohibited all day up to 30th January, 2020.

6th December, 2019

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI
(KAP. 117)

Regolamenti tal-1975 dwar Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja

Avviż ta' Ħinijiet ta' Ftuħ

Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu skont ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1975 dwar Ċentri tas-Swieq ta' Prodotti tal-Biedja, id-Direttur responsabbli għas-swieq bl-ingrossa jgħarraf illi fil-ġimgħa tal-Milied iċ-ċentru tas-swieq ta' prodotti tal-biedja (il-Pitkalija) ikun miftuħ kif ġej:

Nhar it-Tnejn, 23 ta' Diċembru, 2019

Bdiewa	5.00 a.m. 'il quddiem
Xerrejja	6.30 a.m. 'il quddiem

Nhar il-Ħamis, 26 ta' Diċembru, 2019

Bdiewa	7.00 a.m. 'il quddiem
Xerrejja	7.00 a.m. 'il quddiem

Fil-ġimgħa tal-ewwel tas-sena l-Pitkalija se tiftaħ f'dawn il-ġranet:

Nhar it-Tnejn, 30 ta' Diċembru, 2019

Bdiewa	5.00 a.m. 'il quddiem
Xerrejja	6.30 a.m. 'il quddiem

Nhar il-Ħamis, 2 ta' Jannar, 2020

Bdiewa	7.00 a.m. 'il quddiem
Xerrejja	7.00 a.m. 'il quddiem

L-uffiċini tal-Pitkalija se jkunu miftuħa għall-pubbliku matul il-ġimgħa kollha.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li minn nhar l-Erbgħa, 11 ta Diċembru, 2019, mit-3.00 p.m. sal-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2019, sal-10.00 p.m. ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Wardija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

SUPPLIES AND SERVICES ACT
(CAP. 117)

Agricultural Marketing Centres Regulations, 1975

Notice of Opening Hours

In exercise of his duties in terms of regulation 4 of the Agricultural Marketing Centres Regulations, 1975, the Director responsible for wholesale markets hereby notifies that during the Christmas week the agricultural marketing centre (Pitkalija) will open as follows:

On Monday, 23rd December, 2019

Farmers	5.00 a.m. onwards
Hawkers	6.30 a.m. onwards

On Thursday, 26th December, 2019

Farmers	7.00 a.m. onwards
Hawkers	7.00 a.m. onwards

During New Year's week the Pitkali markets will open as follows:

On Monday, 30th December, 2019

Farmers	5.00 a.m. onwards
Hawkers	6.30 a.m. onwards

On Thursday, 2nd January, 2020:

Farmers	7.00 a.m. onwards
Hawkers	7.00 a.m. onwards

The Pitkali Offices will be open for the public as usual during the said weeks.

6th December, 2019

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that no vehicles will be allowed to park in Triq il-Wardija from Wednesday, 11th December, 2019, from 3.00 p.m. till Thursday, 12th December, 2019, at 10.00 p.m.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

6th December, 2019

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li minn nhar it-Tnejn, 9 ta' Diċembru, 2019, mid-9.00 a.m. sal-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2019, sal-5.00 p.m. u nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru, 2019, mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi Triq it-Tamar, Il-Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru, 2019, fis-Sala tal-Kunsill Lokali fil-5.30 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjoni dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2019, fis-6.00 p.m. fis-Sala tal-Kunsill Lokali l-Isla.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar ħarġa tar-Reġistru Elettorali huma mħeġġa biex jattendu għal din il-laqgħa pubblika.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

KUNSILL LOKALI X-XEWKIJA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali x-Xewkija jgħarraf nhar il-Ġimgħa, 13 u s-Sibt, 14 ta' Diċembru, 2019, Pjazza San Ġwann Battista se

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Xagħra Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Tuesday, 7th January, 2020, for:

Advt. No. TXLC 07/2019. Preparation of a masterplan for the locality of Xagħra.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th December, 2019

KUNSILL LOKALI R-RABAT (MALTA)

Il-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti mill-Kunsill Lokali r-Rabat (Malta) permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-8 ta' Jannar, 2020, għal:

Avviż Nru. RLC/T/0183/19. Provvista u twassil biss ta' dwal dekorattiv għall-Kunsill Lokali r-Rabat, Malta.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Is-6 ta' Diċembru, 2019

RABAT (MALTA) LOCAL COUNCIL

The Rabat (Malta) Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Rabat (Malta) Local Council through ePPS, up to 11.00 a.m. on Wednesday, 8th January, 2020:

Advt No. RLC/T/0183/19. Supply and delivery only of decorative luminaires for the Rabat (Malta) Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

6th December, 2019

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1833

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Novembru, 2019, fl-atti tar-Rikors Numru 29/14/1, fl-ismijiet Tancred Tabone vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Tancred Tabone, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Kostituzzjonali, Rikors Ġuramentat Numru 29/2014 AF, Tancred Tabone vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Ċhairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi lkoll fil-kwalità tagħhom premessa u in rappreżentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u tal-istess Kumitat rispettivament, fit-23 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent Avukat Ġenerali espona bir-rispett:

Illi dan l-appell jinvolvi punti kostituzzjonali importanti li jinċidu fuq il-ħidma tal-isitituzzjonijiet kostituzzjonali tal-Istat, fuq is-separazzjoni tal-poteri u fuq il-funzjonijiet tal-Kamra tar-Rappreżentanti, fil-konsiderazzjoni ta' rapporti tal-Awditur Ġenerali dwar l-infiq ta' flus pubbliċi.

Illi l-esponent għalhekk għandu interess li jipparteċipa f'dawn il-proċeduri u li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fihom ukoll stante li dawn il-proċeduri jinċidu fuq l-ordni pubbliku u l-interess pubbliku ai termini tal-Artikolu 786(2) tal-Kap. 12.

By means of a decree given by the Constitutional Court on the 21st November, 2019, in the records of the Application Number 29/14/1, in the names Tancred Tabone vs the Honourable Speaker of the House of Representatives et, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Tancred Tabone, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Constitutional Court, Sworn Application Number 29/2014 AF, Tancred Tabone vs the Honourable Speaker of the House of Representatives and the Chairperson of the Permanent Public Accounts Committee all in their capacity premised and in representation of the same House of Representatives and the same Committee respectively, on the 23rd May, 2018, the applicant Attorney General respectfully pleaded:

That this appeal involves matters of constitutional importance which impinge on the workings of the constitutional institutions of the State, on the separation of powers and on the functions of the House of Representatives, in the consideration of reports of the Auditor General regarding the expenditure of public funds.

That the interpellant has an interest to participate in these procedures and to make his submissions in them even since these procedures impinge on public order and the public interest in terms of Article 786(2) of Cap. 12.

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha taċċettah bħala intervenut fil-proċeduri in statu et terminis u tawtorizzah jippreżenta sottomissjonijiet kemm bil-miktub, kif ukoll oralment.

Rikorrent: Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, il-Palazz, Il-Belt Valletta

Fil-Qorti Kostituzzjonali
S.T.O. Prim'Imħallef Joseph Azzopardi LLD
Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LLD
Onor. Imħallef Noel Cuschieri LLD

Ċitazzjoni Numru 29/14
Tancred Tabone
vs
L-Onorevoli Speaker et

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna li jkunu notifikati lill-partijiet kollha fil-kawża li jkollhom għaxart (10) ijiem utili żmien biex jirrispondu.

Illum 25 ta' Mejju, 2018
Iff. Sharon Tonna Deputat Reġistratur

Permezz ta' Avviż għas-smigħ ta' kawża li ħareġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, fit-18 ta' Ottubru, 2019, u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti Kostituzzjonali bejn Tancred Tabone vs l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Ċhairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi lkoll fil-kwalità tagħhom premessa u in rappreżentanza tal-istess Kamra tad-Deputati, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar it-Tnejn, erbgħa (4) ta' Novembru, 2019, fl-10.00 a.m., u differita għat-13 ta' Jannar, 2020, fl-10.00 a.m.

Rikorrent: Avukat Ġenerali, Uffiċċju Avukat Ġenerali, il-Palazz, Il-Belt Valletta

Notifika Intimat: 78, Saltcoats, Triq Howard, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Sede Kostituzzjonali), illum 3 ta' Diċembru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Thus the interpellant respectfully prays that this Honourable Court accept him as intervenor in these procedures in statu et terminis and authorise him to present submissions both in writing as well as orally.

Applicant: Office of the Attorney Genral, The Palace, Valletta

In the Constitutional Court
His Honour the Chief Justice Joseph Azzopardi LLD
Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo LLD
Hon. Mr Justice Noel Cuschieri, LLD

Writ of Summons Number 29/14
Tancred Tabone
vs
The Honourable Speaker et

The Court,

Saw the application;

Orders that there be notified all the parties in the cause who shall have ten (10) working days to reply.

Today 25th May, 2018
Sgd. Sharon Tonna Deputy Registrar

By means of a Notice of hearing of a cause issued by the Registry of the Superior Courts, on the 18th October, 2019, and whereas the procedures in writing in the cause before the Constitutional Court between Tancred Tabone vs the Honourable Speaker of the House of Representatives and the Chairperson of the Permanent Public Accounts Committee all in their capacity premised and in representation of the same Chamber of Deputies, the Court fixed the hearing of this cause on Monday, fourth (4) of November, 2019, at 10.00 a.m. and deferred to the 13th January, 2020, at 10.00 a.m.

Applicant: Attorney General, Office of the Attorney General, The Palace, Valletta

Notify Respondent: 78, Saltcoats, Triq Howard, Tas-Sliema

Registry of the Superior Courts (Consitutional Jurisdiction), today 3rd December, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1834

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Novembru, 2019, fuq rikors ta' J&C Properties Limited (C 29114) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 28 ta' Jannar, 2020, fil-

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 18th November, 2019, on the application of J&C Properties Limited (C 29114), Tuesday, 28th January, 2020, at half past

ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-plots minn numru tnejn u tletin (32) sa erbgħin (40), it-tnejn inklużi, u ħamsa u erbgħin (45) sa ħamsa u sittin (65), it-tnejn inklużi, formanti parti mill-art magħrufa bħala Ta' Ġnien il-Lewż fil-kuntrada tal-Magħtab, limiti ta' Ħal Għargħur/In-Naxxar, tal-kejl superfiċjali ta' elf seba' mija u erbgħin qasba kwadra (1,740 q.k.) ekwivalenti għal sebat elef sitt mija u erbgħin metru kwadru (7,640 m.k.) inkluż nofs il-wisa' tat-toroq adjaċenti u li tmiss min-Nofsinhar mal-Victoria Lines u mil-Lvant u mill-Punent ma' beni ta' J&C Properties Limited b'aċċess għall-plots minn fuq terzi u minn rixtellu proviżorju li tidħol għalih minn mogħdija pubblika, liberi u franki, u stmati li jiswew mitejn, disgħa u għoxrin elf u mitejn ewro (€229,200).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Terry Limited (C 4920) u b'digriet tat-22 ta' Frar, 2019, ġew nominati Dr Benjamin Valenzia u PL Doreen Aquilina bħala kuraturi deputati għall-assenti soċjetà.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 46/2018.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Plots from number thirty-two (32) to forty (40), both included, and forty-five (45) to sixty-five (65), both included, forming part of a land known as 'Ta' Ġnien il-Lewż', in the district 'Tal-Magħtab', limits of Ħal Għargħur/Naxxar, measuring approximately one thousand, seven hundred and forty square yards (1,740 sqyd) equivalent to seven thousand, six hundred and forty square metres (7,640 sqm) including half of the width of the adjacent roads, bounded on the South by Victoria Lines, on the East and West by property of J&C Properties Limited, accessible from third party provisional gate accessible by a public path, free and unencumbered and valued at two hundred twenty-nine thousand and two hundred euro (€229,200).

The said tenement is the property of Terry Limited (C 4920) and after a decree dated 22nd February, 2019, Dr Benjamin Valenzia and LP Doreen Aquilina were nominated as deputy curators for the absent society.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 46/2018.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th December, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1835

B'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2019, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn KNK Airconditioners Co. Limited fit-28 ta' Novembru, 2019, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €4000 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 8/19 fl-ismijiet KNK Airconditioners Co. Limited vs Dennis Kalatsov miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fis-27 ta' Novembru, 2019.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u

By a Decree of the 2nd December, 2019, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a schedule of set-off filed contemporaneously by KNK Air conditioners Co. Limited on the 28th November, 2019, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €4000 following judicial sale by auction 8/19 in the names KNK Airconditioners Co Limited vs Dennis Kalatsov held under the authority of the said Court on the 27th November, 2019.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for

l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru, 2019

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th December, 2019

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1836

B'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2014, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-1 ta' Ottubru, 2019, fuq rikors ta' Brian Cutajar noe ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2020, f'nofsinhar (12.00 p.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-oġġetti hawn taħt deskritti, u skont id-digriet tat-23 t'Ottubru, 2013, maqbudin mingħand Salvatore sive Salvu Cutajar (KI 375142M).

Mitt (100) sehem ordinarju fis-soċjetà S.C. & Company Limited (C 6050).

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 32/11.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 22 ta' Novembru, 2019

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 9th October, 2014, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 1st October, 2019, on the application of Brian Cutajar noe, Monday, 13th January, 2020, at noon (12.00 p.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78, near the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following items, as decreed on 23rd October, 2013, seized from the property of Salvatore sive Salvu Cutajar (ID 375142M).

One hundred (100) ordinary shares within the company S.C. & Company Limited (C 6050).

N.B. The said objects will be sold as described in the acts of the judicial sale file number 32/11.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 22nd November, 2019

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1837

B'digriet tat-2 ta' Diċembru, 2019, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn J. Zammit Limited (C 37945) fis-27 ta' Novembru, 2019, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €100 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 14/19 fl-ismijiet J. Zammit Limited (C 37945) vs Manuel Gouder (KI 558588M) u Adelaide Gouder (KI 299770M) miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fit-30 ta' Ottubru, 2019.

By a Decree of the 2nd December, 2019, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by J. Zammit Limited (C 37945) on the 27th November, 2019, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €100 following judicial sale by auction 14/19 in the names J. Zammit Limited (C 37945) vs Manuel Gouder (ID 558588M) and Adelaide Gouder (ID 299770M) held under the authority of the said Court on the 30th October, 2019.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-Erbgħa, 4 ta' Diċembru, 2019

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 4th December, 2019

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1838

B'nota ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Diċembru, 2019, Dr Katia Farrugia Cachia, Nutar, ġabet is-segwenti kuntratt li ġie ppubblikat min-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia fil-5 ta' Novembru, 2019, biex jiġi ppubblikat ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' kuntratt, hawn fuq imsemmi, Mark Anthony Cassar, suldat mal-Forzi Armati ta' Malta, imwieled New York fl-Amerika fit-30 ta' Diċembru, 1974, u residenti f'numru 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, Iż-Żurrieq, detentur tal-karta tal-identità numru 116697M, u martu Carmela sive Carmen Cassar, self-employed, bint Joseph D'Amato u l-mejta Maria née Sacco, imwielda Tal-Pietà fis-7 ta' Lulju, 1975, u residenti f'numru 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, iż-Żurrieq, detentriċi tal-karta tal-identità numru 327775M emancipaw għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi lil binhom Liam Cassar, student, ġuvni, iben Mark Anthony Cassar u Carmela sive Carmen née D'Amato, imwieled Tal-Pietà fit-23 ta' Settembru, 2002, u residenti f'numru 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, Iż-Żurrieq, detentur tal-karta tal-identità numru 340802L, u awtorizzawh jagħmel l-atti kollha tal-kummerċ, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, a tenur tal-Artikolu 9 u 10 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Diċembru, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a note filed in the Civil Court First Hall on the 3rd December, 2019, Doctor Katia Farrugia Cachia, Notary, brought forward the following document which was published by Notary Doctor Katia Farrugia Cachia on the 5th November, 2019, to be published in terms of Article 9 of Cap. 13 of the Laws of Malta.

By means of a contract abovementioned, Mark Anthony Cassar, soldier with the Armed Forces of Malta, son of the late Francis and Maria Concetta née Spiteri, born in New York, America, on the 30th December, 1974, and residing at number 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, Żurrieq, holder of identity card number 116697M, and his wife Carmela sive Carmen Cassar, self-employed, daughter of Joseph D'Amato and the late Maria née Sacco, born in Tal-Pietà on the 7th July, 1975, and residing at number 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, Żurrieq, holder of identity card number 327775M, emancipated for all intents and purposes of law their son Liam Cassar, student, bachelor, born on the 23rd September, 2002, and residing at number 21, Immergrun, Triq l-Imdawra, Żurrieq, holder of identity card number 340802L and authorised him to carry out all acts of trade for all intents and purposes of law, in terms of Article 9 and 10 of Cap. 13 of the Laws of Malta.

Registry of the Superior Courts, today 4th December, 2019

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1839

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Novembru, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited vs l-Awtorità tal-Ippjanar et, Rikors Numru 22/2019 MCH, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta'

By means of a decree given by the Court of Appeal on the 20th November, 2019, in the records of the Application in the names Kingsway Palace Company Limited vs The Planning Authority et, Application Number 22/2019 MCH,

notifika fil-konfront tas-soċjetà Positive Holdings Limited, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Risposta tal-Appell u Appell Inċidentali ta' Kingsway Palace Company Limited, ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Rikors Numru 22/2019, Appell 390/17 MEPA, fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited (C 437) vs l-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża Janette Cini għal Positive Holdings Limited (C 21248) Deċiża 30.04.2019, l-interpellanti Kingsway Palace Company Limited esponiet bir-rispett:

Illi nhar l-20 ta' Mejju, 2019, Janette Cini għan-nom tas-soċjetà Positive Holdings Limited intavolat rikors tal-Appell wara deċizjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fit-30 ta' April, 2019. Illi l-esponenti qatt ma ġiet notifikata bl-imsemmi rikors ta' Appell, iżda qed tagħti ruħha b'notifikata.

Illi s-soċjetà appellanti Positive Holdings Limited ressqet l-Appell tagħha wara li ħassitha aggravata minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li ddeċieda li għandu jilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà attriċi u ddikjara null u bla effett id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-15 ta' Settembru u konsegwentement iħassar il-permess ta' żvilupp PA 3945/18.

Illi l-esponenti appellatta qed tressaq din ir-risposa filwaqt li tipprevalixxi ruħha mir-rikors tal-Appell ewlieni sabiex tressaq Appell Inċidentali għall-ewwel aggravju.

Illi l-fatti li wasslu għall-kawża odjerna huma s-segwenti:

Illi fit-28 ta' April, 2017, is-soċjetà kummerċjali Positive Holdings Limited, tramite d-direttur tagħha Janette Cini, intavolat applikazzjoni għal żvilupp tat-tip Full Development Permission mal-Awtorità dwar l-Ippjanar għal bdil ta' użu tas-sit mertu tal-iżvilupp minn klassi 4B għal takeaway (no cooking on site) fil-fond bl-indirizz 54, ġja 5, Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta.

… omissis …

Illi fit-30 ta' April, 2019, it-Tribunal ordna r-revoka tal-permess kif indikat iktar 'il fuq f'dan ir-rikors.

L-Ewwel Aggravvju mogħti mis-soċjetà appellanti: Deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla u bla effett in kwantu

the following publication was ordered for the purpose of service of the company Positive Holdings Limited, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Reply of Appeal and Incidental Appeal, of Kingsway Palace Company Limited, filed in the Court of Appeal, Application Number 22/2019, Appeal 390/17 MEPA, in the names Kingsway Palace Company Limited (C 437) vs The Planning Authority and the party called into the cause Janette Cini for Positive Holdings Limited (C 21248) decided 30.04.2019, the interpellant Kingsway Palace Company Limited respectfully pleaded:

That on the 20th May, 2019, Janette Cini, on behalf of the company Positive Holdings Limited, filed an application of Appeal following a decision given by the Environment and Planning Review Tribunal on the 30th April, 2019, that the interpellant was never notified with the said application of Appeal, but she is now accepting notification.

That the appellant company Positive Holdings Limited brought forward its appeal after it felt aggrieved from a decision of the Environment and Planning Review Tribunal which decided that it should first uphold the first grievance of the plaintiff company and declare null and without effect the decision of the Planning Commission of the 15th of September and consequently cancel the Development Permit PA 3945/18.

That the interpellant respondent is bringing forward this reply whilst availing herself of the principal application of Appeal to bring forward this Incidental Appeal to the first grievance.

That the facts that brought forward the present cause are the following:

That on the 28th April, 2017, the commercial partnership Positive Holdings Limited, through its director Janette Cini, filed an application for development of the type Full Development Permission with the Planning Authority for the change of use of the site merit of the development from class 4B to takeaway (no cooking on site) in the premises with address 54, previously 5, Kingsway Palace, Triq ir-Repubblika, Valletta.

… omissis …

That on the 30th April, 2019, the Tribunal ordered the revocation of the permit indicated further up in this application.

The First Grievance given by the appellant company: Decision of the Tribunal is null and without effect in so far as

tagħmel referenza għal u tħassar il-permess numru PA 3945/18, illi m'għandu x'jaqsam xejn mal-applikazzjoni tal-esponenti li jġib in-numru PA 4667/17.

Illi s-soċjetà appellanti qed issejjes l-ewwel aggravju tagħha fuq il-fatt illi fl-aħħar sentenza tal-aħħar paragrafu tad-deċizjoni appellata t-Tribunal qed jirreferi għall-permess numru 3945/18. B'dan illi qed titlob in-nullità tad-deċiżjoni kollha kemm hi stante illi permezz tad-deċiżjoni t-Tribunal qed iħassar il-permess numru PA 3945/18, li m'għandu x'jaqsam assolutament xejn mal-applikazzjoni tal-esponenti li ġġib in-numru PA 4667/17.

… omissis …

It-Tieni Aggravju: Deċiżjoni Ultra Vires

Illi l-appellanti qed tilmenta illi t-Tribunal b'mod jew ieħor daħal fl-interpretazzjoni ta' kuntratt ta' kera u li għalhekk ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq jekk 'klawsola kuntrattwali tinkludix fiha kunsens o menu għall-applikazzjoni. Illi s-soċjetà appellanti tkompli targumenta illi f'dan il-każ, it-Tribunal daħal fil-kwistjoni u ċjoè jekk il-klawsola for commercial purposes kellhiex jew le inkluż fiha l-poter li l-esponenti tapplika għaċ-change of use de quo'.

… omissis …

It-Tielet Aggravju: Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija legalment żbaljata

Illi s-soċjet appellanti tħambaq fuq il-fatt illi t-Tribunal ittratta punt li ma ġiex issollevat mill-esponenti. Għal darba oħra dan mhu minnu assolutament xejn. Dak li qal it-Tribunal f'paragrafu wieħed ma jistax jittieħed ġo vacuum. Fil-fatt analiżi tad-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal turi li l-istess Tribunal:

1. Ħa konjizzjoni tal-korrezzjoni tal-applikazzjoni li kienet saret fit-12 ta' Lulju, 2017, liema korrezzjoni tal-applikazzjoni kienet għal darba oħra żbaljata stante illi sid il-proprjetà baqa' qatt ma ta lis-soċjetà appellanti l-kunsens rikjest mil-liġi.

2. Ħa konjizzjoni ta' żewġ mankanzi fil-formola tal-applikazzjoni li huma kruċjali fir-rigward tal-validità o meno tal-applikazzjoni.

3. Innota wkoll illi kien hemm mankanza fid-dikjarazzjoni tat-12 ta' Lulju, 2017.

… omissis …

Appell Inċidentali

it refers to the cancellation of the permit number PA 3945/18, which is not in any way related with the interpellant's application which bears number PA 4667/17.

That the appellant company is basing its first grievance on the fact that in the last line of the last paragraph of the decision appealed the Tribunal is referring to the permit number 3945/18 in such a manner that it is demanding the nullity of the whole decision since in virtue of the decision the Tribunal is cancelling the permit number PA 3945/18 which has no connection absolutely with the interpellant's application which bears the number PA 4667/17.

… omissis …

The Second Grievance: Decision Ultre Vires

That the appellant is complaining that the Tribunal in one way or another entered into the interpretation of a contract of lease and thus based its decision on whether a 'contractual clause includes in it the consent or not for the application. That the appellant company continues to argue that in this case, the Tribunal entered into the matter and namely whether the clause for commercial purposes included or not the power that the interpellant apply for change of use de quo'.

… omissis …

The Third Grievance: The decision of the Tribunal is legally mistaken

That the appellant company emphasises the fact that the Tribunal dealt with a matter which was not raised by the interpellant. Once again this is absolutely not the case. What the Tribunal said in paragraph one cannot be taken in a vacuum. In fact an analysis of the decision given by the Tribunal shows that the same Tribunal:

1. Took cognisance of the correction of the application which had been made on the 12th July, 2017, which correcion was once again mistaken since the owner of the property never gave the applicant company the consent required by law.

2. Took cognisance of two defaults in the application form which are crucial as regard the validity or not of the application.

3. Noted also that there was a default in the declaration of the 12th July, 2017.

… omissis …

Incidental Appeal

Illi l-esponenti appellata, permezz tal-preżenti u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-appell prinċipali tal-appellanti Postive Holdings Limited u qiegħda tinterponi dan l-appell inċidentali mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

… omissis …

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi fit-30 ta' April, 2019, dan l-Onorabbli Tribunal wara li ra l-atti kollha ta' dan l-appell ħassar il-permess ta' żvilupp li ta lok għal tali proċeduri.

… omissis …

3. Illi m'hemm l-ebda dubju li n-numru indikat hawn fuq, ossija PA3945/18 li m'għandu x' jaqsam xejn mal-proċeduri odjerni, ġie hekk indikat biss bi żvista u/jew bi żball u dan stante illi t-Tribunal matul il-proċeduri dejjem ittratta u kkonsidra l-applikazzjoni 4667/17 ad esklużjoni totali tal-applikazzjoni l-oħra msemmija fid-deċide PA 3945/18.

4. Illi l-esponenti indunat b'tali żball fit-13 ta' Ġunju, 2019, u dakinhar stess intavolat rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fejn talbet il-korrezzjoni tal-imsemmi żball.

… omissis …

8. Illi mingħajr preġudizzju l-Artikolu 175(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti lil din l-Onorabbli Qorti l-fakoltà li 'tordna wkoll korrezzjonijiet fis-sentenza tal-Qorti tal-Ewwel Istanza u korrezzjonijiet oħra li l-Qorti fi grad ta' Appell tqis li huma ġustifikati fl-atti ġudizzjarji fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri fl-Appell sa meta l-appell jitħalla għas-sentenza fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet u wara li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jinstemgħu'.

9. Illi inoltre qed jiġi umilment sottomess illi għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija jeħtieġ illi jkun hemm tibdil fin-numru tal-permess sabiex tiġi riflessa l-applikazzjoni rilevanti anke sabiex jiġu akkolti l-prinċipji ta' ġustizija naturali senjatament li l-ġustizzja mhux biss issir iżda tidher li qed issir.

Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għall-provi prodotti quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tirriserva li tressaq provi ulterjuri u permessi mil-liġi u għar-raġunijiet premessi titlob lil din l-Onorabbli Qorti:

That the interpellant respondent, by means of the present and without prejudice to the above, wishes to avail herself of the principal appeal of the appellant Positive Holdings Limited and is filing this incidental appeal from the decision of the Environment and Planning Review Tribunal.

… omissis …

That the grievances are clear and manifest and consist in the following:

1. That on the 30th April, 2019, this Honourable Tribunal after seeing all the records of the appeal cancelled the development permission which gave rise to such procedures.

… omissis …

3. That there is no doubt that the number indicated above or rather PA 3945/18, which has no connection with the present procedures, was thus indicated only erroneously and or/by mistake and this since the Tribunal during the procedures always treated and considered the application 4667/17 with the complete exclusion of the other application mentioned in the decide, PA 3945/18.

4. That the interpellant noted such mistake on the 13th June, 2019, and on that same day filed an application before the Environment and Planning Review Tribunal where it asked for the correction of the said mistake.

… omissis …

8. That without prejudice to Article 175(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta gives this Honourable Court the faculty to 'order also corrections in the judgement of the Court of First Instance and other corrections that a Court at the Appeal stage considers to be justified in judiciual acts at any stage of the Appeal procedures till when the appeal is left for judgement at the request of one of the parties and after granting the parties the opportunity to be heard'.

9. That furthermore it is being humbly submitted that for the reasons abovementioned it is necessaary that there is a change in the number of the permit in order to be reflected in the relevant application even in order to uphold the principles of natural justice, especially that justice is not only done but appears to be done.

Thus and for these motives the interpellant, whilst making reference to the proof produced before the Environment and Planning Review Tribunal, reserves to bring further proof and permitted by law and for the reasons premised prays this Honourable Court:

1. Tiċħad l-appell prinċipali interpost mill-appellanti Positive Holdings Limited.

2. Tirriforma s-sentenza appellata billi l-istess sentenza tiġi kkonfermata ħlief fejn tindika li l-permess numru PA 3945/18, b'dan illi tali numru tal-permess jinbidel biex jirrifletti l-permess mertu tal-kawża ossija PA 04667/17.

Ir-Rikors fl-ismijiet Kingsway Palace Company Limited vs l-Awtorità tal-Ippjanar et, Rikors Numru 22/2019 MCH, jinsab differit għas-smigħ għall-11 ta' Diċembru, 2019, fid-9.00 a.m.

Notifika Soċjetà: Postive Holdings Limited, 38, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 4 ta' Diċembru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. To reject the principal appeal filed by the appellant Positive Holdings Limited.

2. Reforms the judgement appealed by confirming the same judgement except where it indicates that the permit number PA 3945/18, in such a manner that the number of the permit be changed to reflect the permit merit of this cause or rather PA 04667/17.

The Application in the names Kingsway Palace Company Limited vs the Planning Authority et, Application Number 22/2019 MCH, has been deferred for hearing to the 11th December, 2019, at 9.00 a.m.

Notify Company: Positive Holdings Limited, 38, Triq iż-Żejtun, Marsaxlokk

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 4th December, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1840

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 ta' Ottubru, 2019, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177) ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2020, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'kamra numru 78, biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-flat internament immarkat bin-numru disgħa (9) fuq livell fourth (4th) floor above elevated ground floor, formanti parti minn blokka bin-numru tnejn u ħamsin (52) fi Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, sitwat fuq in-naħa tax-xellug, inkluż id-dritt ta' użu perpetwu tal-partijiet komuni flimkien mal-flats l-oħra fl-istess blokka u ċjoè l-bieb ta' barra, entrata, taraġ, indani, tromba tat-taraġ, shafts, sistemi ta' drenaġġ, lift, lift shaft, kif ukoll sid il-flat għandu dritt li jinstalla u jieħu ħsieb it-tank tal-ilma, television aerial komuni u/jew satellite dish fuq il-bejt tal-blokka u bid-dritt li jaċċedi għal tali bejt għar-raġunijiet imsemmija, liema dritt jeżisti in komuni mas-sidien l-oħra tal-blokka u stmat li jiswa mitejn u ħamsa u tletin elf ewro (€235,000).

Il-garaxx internament immarkat bin-numru disgħa (9) fil-basement level tal-blokka bin-numru tnejn u ħamsin (52)

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 23rd October, 2019, on the application of HSBC Bank Malta plc (C 3177), Tuesday, 21st January, 2020, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in room number 78, near the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The flat internally numbered nine (9) on the fourth (4th) floor level above elevated ground floor, forming part of a block, number fifty-two (52) in Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, situated on the left side including the right of perpetual usage of the common parts with the other flats in the same block, and therefore the main door, the hallway, stairs, landings, stairwell, shafts and drainage system, lift and lift shaft, as well as the right that the property owner installs and maintains the water tank, common television aerial/satellite dish on the roof of the said block and with the right that the property owner accedes to the said roof for the said reasons, which right exists in common with the other block owners, and valued at two hundred and thirty-five thousand euro (€235,000).

The garage internally marked number nine (9) in the basement level of the block, numbered fifty-two (52), in Triq

fi Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, b'aċċess esklussivament permezz ta' car lift u stmat li jiswa ħamsa u tletin elf ewro (€35,000).

Il-proprjetajiet hawn fuq imsemmija ġew mibnija minflok il-proprjetajiet bin-numru wieħed u ħamsin (51), tnejn u ħamsin (52) u tlieta u ħamsin (53) ġewwa Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, liberi u battala, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom, hekk kif deskritti fl-atti tan-nutar Peter Fleri Soler tal-għoxrin (20) ta' Marzu, elfejn u disgħa (2009), li permezz tiegħu l-proprjetà ġiet akkwistata mingħand is-soċjetà Sea Pebbles Ltd.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mattingly David Wayne (passaport Amerikan bin-numru 210145923) u b'digriet tat-23 t'April, 2019, ġew nominati Dr Benjamin Valenzia u PL Gerald Bonello għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 16/2019.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, 2019

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Sant'Agata, Tas-Sliema, with access exclusively through a car lift and valued at thirty-five thousand euro (€35,000).

The properties abovementioned were built instead of properties numbered fifty-one (51), fifty-two (52), and fifty-three (53) in Triq Sant'Agata, Tas-Sliema, free and unencumbered, with all their rights and appurtenances, as described in the notary acts of Peter Fleri Soler dated twentieth (20th) March, two thousand and nine (2009), by which the property was acquired from Sea Pebbles Ltd society.

The said tenement is the property of Mattingly David Wayne (American passport number 210145923) and by decree dated 23rd April, 2019, Dr Benjamin Valenzia and LP Gerald Bonello were nominated as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 16/2019.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 5th December, 2019

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1841

Billi b'digriet tal-5 ta' Diċembru, 2019, mogħti fuq rikors ta' Mark Galea, ippreżentat fil-21 ta' Novembru, 2019, fl-atti tar-Rikors numru 2076/2019, fejn fih ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-inventarju tal-assi tal-mejta Maria Dolores sive Doris Farrugia (KI 295530M), armla tat-Tabib Jimmy Farrugia, bint il-mejtin Lorenzo Tanti u Marianna nee Nicholas, imwielda u residenti Ħal Tarxien, Malta u mietet Tal-Qroqq, l-Imsida, Malta fil-31 ta' Marzu, 2017, ta' 86 sena.

Din il-pubblikazzjoni se ssir nhar il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2020, fil-ħamsa u nofs (5.30 p.m.) f'127, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid, taħt il-ministeru tan-Nutar Tonio Cauchi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja), llum 5 ta' Diċembru, 2019

CARMEN SCICLUNA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 5th of December, 2019, given on an application of Mark Galea, filed on the 21st of November, 2019, in the records of application number 2076/2019, wherein it was ordered the publication of the inventory of the estate of the late Maria Dolores sive Doris Farrugia (ID 295530M), wife of Dr Jimmy Farrugia, daughter of the late Lorenzo Tanti and Marianna nee Nicholas, born in Ħal Tarxien and died at Tal-Qroqq, Msida, Malta on the 31st of March, 2017, aged 86 years.

This publication is going to be held on Thursday, the 23rd of January, 2020, at half past five (5.30 p.m.) at 127, Triq San Ġużepp, Paola under the ministry of Notary Dottor Tonio Cauchi.

Registry of the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section), today the 5th day of December, 2019

CARMEN SCICLUNA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603